ĦARĠA NUMRU 26 - SAJF 2021

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Editorjal

Għeżież Qarrejja,
Bdejna staġun ġdid, staġun li jġib miegħu ħafna sħana u raġġi qawwija tax-xemx, u għaldaqstant irridu nieħdu l-prekawzjonijiet possibbli biex nieħdu ħsieb saħħitna. Is-sajjieda tagħna jkunu fuq ix-xwiek jistennew dan l-istaġun jasal, għax b'baħar żejt u temp bnazzi, is-sitwazzjoni ssir ftit aktar faċli għas-sajd fil-beraħ. Mill-banda l-oħra, dan l-istaġun huwa xi ftit kiefer għall-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin. Għalihom, li xogħolhom huwa fil-beraħ, ikun ferm diffiċli jaħdmu fl-għelieqi tagħhom meta x-xemx tkun fl-aqwa tagħha.

Ta' min japprezza l-bżulija u t-tbatija tal-ħaddiema f'dan is-settur, li grazzi għalihom insibu nikkunsmaw prodotti lokali friski u ġenwini fis-suq tagħna. Fis-sajf insibu għażla vasta ta' frott frisk, illi bħall-ħut, ħaxix u laħam huwa tajjeb li jkun inkluż f'dieta bilanċjata, u ċertament illi jinżel għasel! Ta' min jinnota l-importanza li nixorbu aktar ilma f'dan l-istaġun, speċjalment dawk li jkunu esposti għal ħin twil f'xemx diretta.

F'din il-ħarġa għandna diversi artikli relatati mal-agrikoltura, sajd, ikel u ħarsien tal-annimali. Qegħdin nintroduċu kompetizzjoni għat-tfal li tinsab f'paġna 34. Inħeġġu lil dawk kollha li jistgħu jipparteċipaw sabiex jibagħtu d-detttalji hekk kif mitluba fir-rokna tat-tfal u jidħlu biċ-cans li jirbħu rigal sabiħ.

Nittama li din il-ħarġa tkun interessanti u tintlaqa' tajjeb magħkom il-qarrejja. Tinsewx ukoll tissieħbu magħna fuq il-paġna ta' Facebook Nisġet Artna ħalli tibqgħu aġġornati ma' dak kollu li jkun għaddej fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. Kompetizzjoni għat-tfal tinsab f'paġna 34. Tistgħu wkoll tagħmlu kuntatt magħna fuq l-indirizz elettroniku nisgetartna.mafa@gov.mt.

Tislijiet,
**Estelle Bonello Sant**

# Nisġet Artna

Pubblikazzjoni maħruġa
Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd,
l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni**
Agriculture Reasearch and Innovation Hub
L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303



*Ritratt meħud minn Martin Micallef, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni*

**Editur**
Estelle Bonello Sant

**Qari tal-provi**
Proofreading Malta

**Kontributuri**
Anthony Gruppetta
George Attard
Rodney Zahra
Immanuel Grima
Steve Zerafa
Malcolm Vassallo
Melanie Camilleri
Claudia Cutajar
Dr Christian Spiteri
Matthew Laspina
Robert Cutajar
Ray Caruana
Mario Camilleri
Simone Galea
Melanie Camilleri
Claudia Cutajar
Clint Barbara

**Stampar**
Government Printing Press

GOVERNMENT Printing Press

FSC www.fsc.org MIX Paper from responsible sources FSC® C140603

**Disinn**
Outlook coop

outlook coop

# Il-Werrej

3 Messaġġ mill-Ministru
4 Il-Qattus Irmiedi ta' Malta
5 KL taż-Żejtun Jibbenefika mill-Iskema *LC Care*
6 Il-Proġett Flight Alien Species Transborder
7 Skema ta' restawr tal-ħabitats
8 Mappa Diġitali għar-Raba' ta' Malta
9 Investiment għar-Rimi tal-Isrew tal-Annimali u Żieda fil-Produzzjoni tan-*New Water*
10 Skema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjal
11 Skema Nazzjonali ta' Taħriġ għall-Bdiewa Żgħażagħ
12 Jinstab it-*Tomato Brown Rugose Fruit Virus* f'Malta
14 Jitlesta l-Proġett tal-Qrejten *Breakwater* f'Marsaxlokk
15 Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni *Fishing For Recipes*
16 Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Agrikoltura
18 Tibda Kampanja Edukattiva Dwar il-Ħarsien tal-Annimali
19 Jitqassam Xitel Żgħir tas-Siġar tal-Palm
20 Is-Sajda tal-Imrejkba
22 Iċ-Ċertifikazzjoni għall-Protezzjoni tal-Pjanti
23 L-Emenda fl-Att dwar it-Trattament tal-Annimali
24 Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jipparteċipa fi SkolaSajf
25 Il-5 Libertajiet tal-Annimali
26 Il-Benesseri tal-Annimali fl-Irziezet
28 Żviluppi fil-Kontrolli tas-Settur Organiku
31 Il-Proġett Qabru
32 Pjan dwar l-Immaniġġjar tan-Nutrijenti

# Messaġġ mill-Ministru



**Anton Refalo**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

Għeżież,
Kull meta nirrifletti fuq skemi u inizjattivi li ħdimna fuqhom nirrealizza kemm inkunu għamilna xogħol fuq proġetti differenti biex inkomplu nsostnu u nsaħħu kull settur li jaqa' taħt il-Ministeru li minnu jien responsabbli.

Issa għaddew aktar minn 13-il xahar li jien ġejt mogħti r-responsabbiltajiet ta' dan il-Ministeru li huwa tant għal qalbi. Ta' kuljum qed niltaqa' ma' diversi nies minn kull settur u nisma' lis-sajjieda, lill-bdiewa, lir-raħħala u kif ukoll niltaqa' ma' sindki ta' diversi kunsilli lokali. Grazzi għall-ħidma kontinwa tad-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru qed nimxu pass pass biex flimkien naslu għar-riżultati mixtieqa. Kollox jieħu ż-żmien tiegħu. L-importanti li ma naqtgħux qalbna u nagħmlu kuraġġ lil xulxin filwaqt li nżommu kuntatt kontinwu biex nisimgħu d-diffikultajiet tagħkom ħalli hekk inkunu nistgħu naġixxu fejn hemm bżonn. U għalhekk isiru l-laqgħat ta' konsultazzjoni biex intom tkunu parti kruċjali minn dawn il-proġetti li nkunu qed naħdmu fuqhom. Aħna għalhekk qegħdin hawn biex ix-xogħol f'kull settur jitwettaq b'mod ħolistiku u effettiv. Kultant jinqalgħu intoppi. Din hi l-ħajja. Però fl-aħħar mill-aħħar dawn l-isfidi jagħtuna l-motivazzjoni biex inkunu aktar attivi u sostenibbli fl-istess ħin.

Dan huwa gvern li għandu viżjoni. Rajna x'ġara f'dawn l-aħħar xhur li kienu tant diffiċli għal kulħadd minħabba l-pandemija li ħakmet ħafna industriji kbar u żgħar f'pajjiżna. Jgħidu x'jgħidu, dan il-gvern josserva, jistudja u jaġixxi fil-ħin opportun.

F'soċjetà moderna ma tistax taħdem għal rasek. Importanti li nisimgħu lil xulxin u tkun lest li titgħallem minn ħaddieħor biex mentalment tikber u ssir aktar b'saħħtek. Ingawdu l-frott ta' ħidma sfiqa flimkien u 'l quddiem igawdu wkoll il-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Tislijiet,

*Anton Refalo*

"GRAZZI GĦALL-ĦIDMA KONTINWA TAD-DIPARTIMENTI KOLLHA FI ĦDAN IL-MINISTERU QED NIMXU PASS PASS BIEX FLIMKIEN NASLU GĦAR-RIŻULTATI MIXTIEQA"

# Il-Qattus Irmiedi ta' Malta

Kitba ta'
ANTHONY GRUPPETTA U GEORGE ATTARD

Fl-imgħoddi, Malta kellha razza ta' qtates uniċi magħrufa lokalment bħala l-Qattus Irmiedi. L-istoriku naturali Taljan Ulisse Aldrovandi lejn l-aħħar tal-1500 jikteb li oriġinarjament, il-"qtates Maltin" ta' lewn blu-griż inġiebu lejn Malta mill-Kruċjati li rritornaw mis-Sirja.

L-iktar deskrizzjoni sħiħa tar-razza tal-qattus Malti tgħid li: "Il-Qattus Malti huwa żgħir ħafna; widnejn ċkejkna; saqajn ċkejkna; denb qasir; saqajn qosra; pil qasir b'kulur solidu u b'dehra ta' far griż; wiċċ kemxejn ċatt b'għajnejn tondi u ħodor, b'espressjoni ta' mħabba li tisraqlek qalbek. Eċċellenti bħala omm, u l-iktar ħabiba li taf tħobb fid-dinja, ħelwa u qalbha tajba: magna eċċellenti għall-qerda tal-annimali gerriema." Madankollu Ulisse Aldrovandi fl-aħħar tal-1500 ddeskriva r-razza li għandha għajnejn kulur ir-ram.

Jingħad li l-Qtates Blu ta' Malta ntużaw fit-twaqqif u t-titjib ta' żewġ razez, il-British Short Haired Blue li għandhom għajnejn kulur ir-ram, u l-Blue Russian li għandhom għajnejn ħodor.

In-numru ta' Qtates Blu lokali huwa żgħir ħafna, probabbilment minħabba l-fatt li m'hemm l-ebda tagħmir speċifiku u t-tipi l-oħra ta' pil tal-qtates iseħħu aktar ta' spiss. Il-ġene li jikkawża lill-pigment iswed tal-eumelanin jiġi mħallat għal blu jew griż huwa MLPH jew melanophilin. Qattus b'dan il-fenotip blu tipikament ikun d / d fil-ġenotip. Din il-mutazzjoni MLPH (Dilution Gene), apparti li tikkawża qtates suwed li jiġu blu, taġixxi wkoll fuq qtates ta' lewn oranġjo biex isiru lewn il-krema. Il-punt tat-tluq biex jinfirxu tip ta' pil blu jew griż solidu fil-qtates huwa li jitħalltu ġenituri li huma griżi solidi jew suwed, omożigoti reċessivi (homozygous recessive) għall-ġene agouti iżda li jġorru l-ġeni ta' taħlit tal-kulur.

Peress li ħafna mill-qtates adulti fil-kolonji stray huma msewwija għal skopijiet ta' kontroll, huma awtomatikament esklużi milli jipparteċipaw bħala l-bażi fi kwalunkwe tentattiv biex terġa' tinbena r-razza ta' qtates blu ta' Malta. Mod possibbli 'l quddiem ikun li jiġu identifikati l-qtates kollha li huma griżi solidi jew suwed solidi li jidhru f'kolonji stray u li jiġu profilati ġenetikament qabel ma jinqabdu sabiex jiġi determinat jekk humiex dixxendenti ta' razez stabbiliti. Dawk li juru "l-ebda" relazzjoni ma' razez oħra jistgħu jiġu iżolati u miżmuma separatament biex jiġu inklużi fi skema ta' tagħmir strutturata speċifikament f'tentattiv biex tiġi stabbilita u kkonfermata l-għamla ġenetika tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuluri tal-pil. Ladarba tkun stabbilita popolazzjoni sinifikanti ta' "Blues", it-tnissil tal-linja fi ħdan il-grupp jiffissa l-karatteristiċi l-oħra li jvarjaw minn konformazzjoni, daqs, speċifikazzjonijiet u mġiba. Kompitu bħal dan jinvolvi numru sinifikanti ta' qtates li jitrabbew fuq numru ta' ġenerazzjonijiet biex jaslu fi stadju fejn il-biċċa l-kbira tal-frieħ ikunu konformi ma' standard tar-razza. M'hemm l-ebda informazzjoni disponibbli biex tikkonferma l-ispeċifikazzjonijiet ta' deskrizzjoni vera tar-razza tal-qattus Malti, u l-uniku mod huwa li tqabbel id-deskrizzjoni tar-razza stabbilita waqt il-programm ta' tnissil mill-ġdid ma' kwalunkwe immaġni fotografika disponibbli ta' qtates Maltin meħuda f'Malta matul is-snin 1800.

F'tentattiv biex nidentifikaw jekk hemmx xi dixxendenti tal-Qtates Blu ta' Malta, żidna funzjoni mal-applikazzjoni online Malta Animal Welfare permezz tal-funzjoni 'Irrapporta Qattus ta' Malta'. Il-pubbliku huwa mistieden jieħu ritratti ta' qtates li jaqblu mad-deskrizzjoni t'hawn fuq u jipprovdu l-lokalità ġeografika biex jgħinuna nagħmlu pass lejn id-determinazzjoni ta' jekk għad hemmx dixxendenti tal-Qattus ta' Malta sal-lum.



# Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun Jibbenefika mill-Fondi tal-Iskema *LC Care*

Minn xahar għall-ieħor smajna kemm ħafna kunsilli lokali bbenefikaw mill-iskema *LC Care*. Matul ix-xahar ta' April il-Ministru Refalo ġie mistieden biex flimkien mas-Sindku tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun Doris Abela inawguraw il-proġett li jġib l-isem 'L-Annimali fil-Komunità. Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru Karmenu Abela u l-Ministru Owen Bonnici.

Il-kunsill kien applika għall-fondi permezz ta' din l-iskema fl-2020 li minnha se jkun qed jibbenefika minn total ta' €6,400.

Il-Ministru Refalo b'sodisfazzjon kbir faħħar l-inizjattivi tal-kunsill lokali kif ukoll tax-xogħol li twettaq filwaqt li tkellem dwar kemm dawn il-fondi li qed jingħataw lill-kunsilli lokali permezz ta' din l-iskema qed isarrfu f'ġid għall-komunità. Dan ikompli jagħti prova ċara kemm il-gvern dejjem qed ikompli jkun ta' spalla għal min jitlob l-għajnuna, speċjalment dik finanzjarja.

Dan il-proġett li sar b'investiment totali ta' €25,000 kofinanzjat ukoll minn Greenpak, jinkludi *dog park* biswit Ġnien iż-Żgħożija fiż-żona ta' Ġebel San Martin, b'fence mad-dawra tiegħu. Ix-xogħol fuq il-park beda tliet xhur u nofs ilu meta wara li kienu nkisbu l-permessi kollha meħtieġa, ġie installat il-fence u t-tagħmir tal-logħob tal-klieb. Sar ukoll passaġġ mad-dawra sabiex sid il-kelb ikollu fejn jimxi flimkien mal-kelb tiegħu f'ambjent xieraq. Tajjeb insemmu li parti mill-fondi allokati se jmorru għall-qtates li hemm fit-triq.

Is-Sindku Doris Abela semmiet kemm huwa importanti li l-Kunsill jibqa' jżomm komunikazzjoni sħiħa u kontinwa mal-feeders tal-lokal sabiex jaraw x'inhuma



Photo: DOI - Pierre Sammut



Photo: DOI - Pierre Sammut



Photo: DOI - Pierre Sammut

d-diffikultajiet u l-ħtiġijiet tagħhom, u kif jistgħu jkunu ta' għajnuna għalihom. Apparti minn hekk, il-Kunsill qed jieħu ħsieb ukoll iħallas il-mediċina u jagħti provvista tal-ikel lill-feeders reġistrati u li jieħdu ħsieb li dawn ikunu miżmuma tajjeb.

Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun għandu l-ħsieb jagħmel aktar inizjattivi biex ikompli jitqajjem għarfien dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb il-qtates li jgħixu barra. Għall-futur hemm pjan ieħor; dak li jiġu installati cat shelters f'postijiet strateġiċi u fejn jidher li hemm kolonji ta' qtates li jgħixu barra.

# Il-Proġett Flight Alien Species Transborder (FAST)

Kitba ta'
RODNEY ZAHRA
*Manager I (Project Management), Monitoring And Control (PPD)*

IMMANUEL GRIMA
*Principal Agricultural Officer, Monitoring And Control (PPD)*

L-invażjonijiet bijoloġiċi bħalissa huma maħsuba li huma waħda mill-akbar theddidiet detrimentali għall-bijodiversità, u jirrappreżentaw diversi problemi ambjentali, ekonomiċi u soċjali, kemm lokalment u kif ukoll internazzjonalment. Id-daqs u l-firxa tal-impatt tal-ispeċi aljeni invażivi huwa diffiċli biex jiġi kkwantifikat u għaldaqstant ma nafux kemm hija kbira din il-problema. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm proġett fejn bih nistudjaw l-impatt ta' dawn l-ispeċi aljeni u nippruvaw inneħħuhom biex minflokhom jerġgħu jiġu naturalizzati speċi indiġeni.

Il-proġett ha jkun bi sħab bejn Malta u Sqallija u r-rabta diretta bejn dawn iż-żewġ gżejjer hija evidenti, minħabba xebh ta' abitat u l-iskambju ta' kuljum ta' kummerċ u passiġġieri. Għalhekk, dan il-proġett se jibbenefika liż-żewġ pajjiżi billi jieħu vantaġġ kemm mill-organizzazzjonijiet nazzjonali Maltin kif ukoll Taljani għall-protezzjoni tal-pjanti, awtoritajiet ambjentali, dwana, istituzzjonijiet li jimmaniġġjaw iż-żoni protetti, u istituzzjonijiet ta' riċerka. Waqt din il-kollaborazzjoni se jintużaw proċeduri reċiproki fuq iż-żoni transkonfinali.

## L-Għan tal-Proġett

Kif juri l-isem tal-proġett, wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan il-proġett huwa li jiġġieled kontra l-invażjonijiet aċċidentali fl-ambjent Malti u Sqalli u jippreveni l-istabbiliment ta' speċi aljeni invażivi fuq flora u fawna indiġena. Dan se jkun possibbli permezz ta' monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Ispeċi aljeni fuq il-ħabitat u l-bijodiversità lokali, u r-restawr eventwali ta' dan il-ħabitat naturali f'siti tan-Natura 2000, matul it-30


Il-Magħluq ta' Marsaskala


Il-Kantra Valley, Gozo


Il-Buskett




xahar tal-proġett. B'hekk ser ikun possibbli li jsaħħaħ u jiġi rrestawrat l-ambjent.

Għal dan il-proġett intgħażlu tliet siti Natura 2000, b'żewġ siti f'Malta u ieħor f'Għawdex. Is-siti huma l-inħawi tal-Buskett u tal-Girgenti, il-Magħluq tal-baħar ta' Marsaskala u f'Għawdex, l-inħawi tax-Xlendi u tal-Wied tal-Kantra. Dan il-proġett ħa jkun qed jagħtina idea ċara x'inhu l-impatt li għandhom l-ispeċi aljeni fuq dawn is-siti. L-interventi tas-sħab fil-proġett se jkun biss fuq siti tan-Natura 2000 peress li dawn huma l-aktar ħabitati fraġli li jeħtieġu l-aktar protezzjoni.

## Informazzjoni Dwar il-Proġett

L-irwol tal-Ministeru fil-proġett FAST se jkun qiegħed jimmira biex jikkumbatti l-introduzzjoni, in-naturalizzazzjoni u t-tixrid ta' speċi aljeni invażivi li jagħmlu ħsara lill-bijodiversità fl-arċipelagu Malti permezz tal-immaniġġjar u l-evalwazzjoni ta' Speċi Aljeni Invażivi f'siti ta' Natura 2000, il-kontroll,

monitoraġġ u possibilment l-eradikazzjoni ta' Speċi Aljeni Invażivi, il-propagazzjoni ta' pjanti indiġeni, li aktar tard jiġu introdotti fis-siti tan-Natura 2000, il-kumpilazzjoni ta' linji gwida u l-aħjar prattiki biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' Speċi Aljeni Invażivi oħra, u l-edukazzjoni u l-promozzjoni tal-protezzjoni ambjentali.

Dan il-proġett huwa fi ħdan il-qafas ta' INTERREG V-A ITALIA-MALTA 2014-2020 u se jiġi ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali megħjun minn kontribuzzjoni Nazzjonali. F'dan il-proġett se jkun hemm ħames sħab li se jikkontribwixxu, l-Università ta' Katanja – Dipartiment tax-Xjenza Bijoloġika, Ġeoloġika u Ambjentali, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali – Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, l-Università ta' Malta – Istitut tas-Sistemi tad-Dinja – Diviżjoni tax-Xjenzi Rurali u Sistemi tal-Ikel, il-Belt Metropolitana ta' Katanja u l-Muniċipali tal-Konsorzju Ħieles ta' Ragusa. Il-Ministeru se jaħdem id f'id mal-Università ta' Malta bħala s-sieħeb l-ieħor tal-proġett Malti u b'kollaborazzjoni mal-ERA u l-Ambjent Malta, kollha taħt is-superviżjoni tal-Università ta' Katanja bħala l-kap tal-proġett.

# Skema ta' restawr tal-ħabitats

## u l-pajsaġġi Maltin u titjib fil-konservazzjoni tal-ħamrija u l-immanniġġjar tal-ilma taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD)

Kitba ta'
**PHILIP ATTARD**

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) li jiffinanzja programmi ta' żvilupp rurali implimentati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tani l-opportunita' sabiex nibbenifika minn għotja taħt skema marbuta ma' Miżura 4 – Investimenti f'Assi Fiżiċi Sotto Miżura 4.4 – Appoġġ għal Investimenti Mhux Produttivi Marbuta mal-Ilħuq tal-Objettivi tal-Klima Agroambjentali, fil-każ tiegħi primarjament għal spejjeż marbuta mal-bini/ir-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. Għaldaqstant, il-qofol tal-għan ta' din il-miżura huwa r-restawr tal-ħabitats u l-pajsaġġi, titjib fil-konservazzjoni tal-ħamrija u l-immanniġġjar tal-ilma. Il-biedja bħala l-influwenza ewlenija fuq il-pajsaġġ, il-ħabitat u l-bijodiversità, titlob ghall- appoġġ sħiħ sabiex ikun inkoraġġit l-investiment fil-fehim, fl-identifikazzjoni u fiż-żamma tal-karatteristiċi ewlenin tal-pajsaġġ.

Il-proġett tiegħi kien jinvolvi amalgamazzjoni ta' interventi ta' mmaniġġjar tal-ħamrija, il-ġbir ta' l-ilma permezz ta' bini ta' ġibjun tal-ilma u t-titjib tal-kopertura tal-ħamrija permezz ta' siġar indiġeni. Dawn l-azzjonijiet kienu maħsuba sabiex jikkontribwixxu lejn it-titjib tal-ħabitat għall-bijodiversità. Minflok ma sar użu mill-għalqa esklussivament għal skopijiet ta' produzzjini agrikola, il-proġett immira sabiex itejjeb il-valur tal-pajsaġġ u l-kwalità ambjentali. Dan twettaq bl-integrazzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ flimkien ma' tħawwil ta' siġar taż-żebbuġ u permezz ta' kopertura ta' ħaxix li ttejjeb l-istabbilizzazzjoni tal-ħamrija, iż-żamma tal-ilma tax-xita fil-ħamrija u tikkontribwixxi għal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Permezz tal-kostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ u l-ġibjun tal-ilma, il-pjantaġġun taż-żebbuġ huwa aktar protett u miżmum, u wassal għal tkabbir vigoruż u produzzjoni sostenibbli.



# Mappa Diġitali għar-Raba' ta' Malta

Kitba ta'
**STEVE ZERAFA**
*Lecturer MCAST*

**L-ewwel mappa diġitali tar-raba' ta' Malta, mibnija esklussivament fuq dejta minn satellita, inħolqot permezz ta' kollaborazzjoni innovattiva bejn riċerkaturi mill-MCAST u mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. Għal dan l-eżerċizzju, ir-riċerkaturi użaw dejta mis-satellita Sentinella 2.**

Biex joħolqu l-mudelli tal-uċuħ tar-raba', ir-riċerkaturi l-ewwel niżżlu għaxar immaġini differenti tas-satellita li ttieħdu bejn Ottubru 2019 u Ottubru 2020. Wara ħarġu dejta relatata mal-kuluri tal-uċuħ tar-raba' u informazzjoni dwar il-lokazzjoni ġeografika. Fl-aħħar iddisinjaw u implimentaw algoritmi ta' software biex jivvalutaw, jaħdmu u jagħtu informazzjoni b'mod preċiż ta' xi prodotti jinstabu fl-għelieqi – patata, tadam, qamħ, għeneb, eċċ.



Billi jinħarġu mapep annwali tal-uċuħ tar-raba' fuq livell nazzjonali, wieħed jista' juża firxa ta' applikazzjonijiet, bħal analiżi tar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' u l-bidla fil-mudelli tal-ħsad għal skop xjentifiku fosthom għal monitoraġġ tal-użu tal-art kif ukoll evalwazzjoni fi kważi ħin reali tal-mard tal-uċuħ tar-raba'.

Minn dan l-istudju, ir-riċerkaturi sabu bosta riżultati interessanti. Fost l-osservazzjonijiet li għamlu hemm li d-dwieli jinsabu mifruxin ma' Malta kollha filwaqt li hemm ukoll numru ta' għelieqi bid-dwieli f'Għawdex. Madankollu, il-maġġoranza tal-għelieqi bid-dwieli, jinsabu fil-Majjistral ta' Malta. Iż-żona tal-għelieqi bid-dwieli tammonta għal madwar 7km$^2$. B'paragun, iż-żona tal-għelieqi bil-patata, li titkabbar l-aktar fin-naħa t'isfel tal-gżejjer Maltin, bejn Diċembru 2019 u Marzu 2020 kienet tammonta għal madwar 3km$^2$.







# Investiment għar-Rimi tal-Isrew tal-Annimali u Żieda fil-Produzzjoni tan-*New Water*



Permezz ta' investiment globali ta' madwar €9 miljun li sar fl-impjant ta' Sant'Antnin, ir-raħħala se jkunu jistgħu jiddisponu mill-isrew tal-annimali b'mod aktar sostenibbli. B'dan l-istess investiment se tiżdied il-produzzjoni tan-New Water.

L-iskart tal-annimali mhux trattat kien qed jiġi mormi fis-sistema tad-drenaġġ tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), b'detriment għall-impjanti tad-drenaġġ li mhumiex mibnija biex jieħdu dan it-tip ta' srew. Ir-raħħala issa se jkunu jistgħu jwasslu l-isrew mill-irziezet tagħhom għal aktar trattament fl-impjant ta' Sant'Antnin.

Dan il-proġett qed isir b'kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għall-Enerġija, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali u s-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej, flimkien mal-WSC. L-impjant ta' Sant'Antnin se jittratta l-iskart qabel ma jasal fl-impjant Ta' Barkat. L-impjant Ta' Barkat jibdel ilma mid-drenaġġ għal ilma tajjeb għat-tisqija tal-għelieqi, magħruf aħjar bħala New Water. Għalhekk dan l-impjant jista' jiffoka aktar fuq il-produzzjoni tan-New Water ġaladarba l-iskart tal-annimali jissaffa.

Barra minn hekk, it-titjib fl-infrastruttura u t-trattament ta' dan l-iskart se jgħin biex tiġi indirizzata l-problema ta' ħruġ ta' drenaġġ fix-Xgħajra.

Il-Ministru Miriam Dalli, il-Ministru Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari Stefan Zrinzo Azzopardi flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-WSC Ivan Falzon żaru l-impjant.

Dan il-proċess ġdid se jnaqqas drastikament it-tagħbija fuq l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ. Filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-infrastruttura, se jitjieb l-operat li se jwassal għal żieda fil-produzzjoni tan-*New Water* għall-użu mill-istess bdiewa.

Il-Ministru Anton Refalo tkellem dwar il-WSC li investiet f'makkinarju apposta biex dan jgħin fil-proċess għat-trattament tas-srew, filwaqt li l-Aġenzija tal-Gvern għal Riżorsi Bijoloġiċi fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-drittijiet tal-annimali, investiet fi tliet *mobile dewatering units* li se joperaw fuq l-irziezet.

Dan il-makkinarju ħa jkun qed jgħin biex servizz bħal dan jagħti serħan il-moħħ lir-raħħala u jkun iktar effiċjenti bl-aħjar mod possibbli. Il-Ministru Refalo wera s-sodisfazzjon tiegħu u qal li dan kien proċess ippjanat għaliex dan il-Gvern dejjem wiegħed li jkun ta' spalla għar-raħħala u l-bdiewa Maltin u Għawdxin.



PHOTO : DOI - Kevin Abela



PHOTO : DOI - Kevin Abela

# Skema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjal

Kitba ta'
**MALCOLM VASSALLO**
*Senior Manager, ARPA*

Matul ir-rebbiegħa, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel, u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), nediet skema għall-benesseri tal-majjal bil-għan li tingħata għajnuna finanzjarja lil raħħala Maltin u Għawdxin li b'mod volontarju jkomplu jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għejxien u l-benesseri tal-annimali fl-azjendi agrikoli tagħhom.

Għal din l-iskema, li hija interament iffinanzjata minn Fondi Nazzjonali, ġie allokat baġit li jammonta għal €446,000 fis-sena, għal ħames snin. L-għajnuna finanzjarja pprovduta taħt din l-iskema se tingħata fuq medda ta' ħames snin lil dawk ir-raħħala fis-settur tal-majjal li volontarjament iżidu l-ispazju ta' fejn jinżammu l-majjala fuq l-azjendi tagħhom. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu f'konformità mad-dimensjonijiet stipulati mid-Diviżjoni tar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD), u li jinsabu miktubin fil-linji gwida ddetaljati għal din l-iskema. Il-pagamenti għar-raħħala jiġu kkalkulati abbażi ta' ħlas għal kull majjala li qed tibbenefika minn tali żieda fl-ispazju taħt din l-iskema.

Skemi bħal dawn juru fiċ-ċar l-importanza li l-Gvern qed jagħti lejn il-benesseri tal-annimali, u jinċentiva lil dawk involuti fis-settur sabiex jagħmlu sforzi akbar u jmorru lil hinn minn dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni sussidjarja li tistipula r-regolamenti dwar



l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-majjal.

**Aktar informazzjoni**

Għal aktar informazzjoni dwar din l-iskema tista' tagħmel kuntatt mal-ARPA billi tibgħat email fuq **arpa.mafa@gov.mt** jew billi ċċempel fuq **22 926 148**. Tista' wkoll taċċessa l-linji gwida dettaljati għal din l-iskema mis-sit elettroniku tal-aġenzija **www.arpa.gov.mt**.

Animal
— HONOURS AWARDS —

ALWAYS IN GOOD COMPANY

## Bi pjaċir inħabbru il-Malta Animal Honours Awards

organizzat mill-Ministru tal-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali u l-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali.

Din hija opportunità biex mhux biss niċċelebraw lill-kreaturi ħbieb tagħna u sabiex nagħtuhom l-opportunità jibbrillaw, iżda wkoll biex nirrikonoxxu l-persuni nvoluti fl-aspetti kollha tal-ħolqien ta' għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali, kif ukoll dawk li jgħixuha u jipprattikawha ta' kuljum.

**animalawards.gov.mt**

# Skema Nazzjonali ta' Taħriġ għall-Bdiewa Żgħażagħ

Kitba ta'
**MALCOLM VASSALLO**
*Senior Manager, ARPA*

Lejn l-aħħar ta' April, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel, u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), u b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), nediet skema ta' taħriġ għall-bdiewa żgħażagħ intiża sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-attività agrikola u għat-taħriġ għal tali bdiewa.

Din l-iskema, li hija kompletament iffinanzjata minn Fondi Nazzjonali, ġiet żviluppata sabiex jittaffew ftit mill-isfidi u l-firxa wiesgħa ta' ostakli li jsibu bdiewa żgħażagħ biex jidħlu f'attività agrikola. Waħda minn dawn l-isfidi hija n-nuqqas ta' opportunitajiet disponibbli, flimkien ma' reżistenza minn bdiewa stabbiliti sabiex jgħaddu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom barra mill-familja tagħhom. Għaldaqstant, din l-Iskema Nazzjonali tipprovdi għajnuna finanzjarja sabiex bdiewa żgħażagħ ikunu jistgħu jiksbu l-esperjenza meħtieġa permezz ta' tagħlim prattiku mogħti minn bidwi ospitanti, flimkien ma' tagħlim teoretiku pprovdut mill-MCAST. Dan qed isir bil-għan li jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien u l-ħiliet prattiċi minn bdiewa li huma diġà stabbiliti fis-settur b'mod li jikkontribwixxi wkoll għal tiġdid fis-settur tal-biedja, filwaqt li tiġi identifikata, imrawma u żviluppata l-ġenerazzjoni ta' bdiewa li jmiss.



Baġit totali ta' €428,000 ġie allokat għal żewġ sejħiet taħt din l-iskema, li minnhom se jingħataw pagament fix-xahar għall-bdiewa żgħażagħ Maltin u Għawdxin li għandhom anqas minn 41 sena sad-data tal-applikazzjoni tagħhom, kif ukoll għall-bdiewa ospitanti bħala kumpens tal-kontribuzzjoni tagħhom. Parti mill-baġit se jintuża wkoll sabiex jitħallsu l-ispejjeż amministrattivi u tat-taħriġ tal-MCAST. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt din l-iskema għandhom ikunu sottomessi b'mod konġunt mill-bidwi żagħżugħ u minn dak ospitanti.



### Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni dwar din l-iskema tista' tagħmel kuntatt mal-ARPA billi tibgħat email fuq **arpa.mafa@gov.mt** jew billi ċċempel fuq **22 926 148**. Tista' wkoll taċċessa l-linji gwida dettaljati għal din l-iskema mis-sit elettroniku tal-aġenzija **www.arpa.gov.mt.**



# Jinstab it-*Tomato Brown Rugose Fruit Virus* (ToBRFV) f'Malta

Kitba ta'
MELANIE CAMILLERI
*Scientific Officer*

CLAUDIA CUTAJAR
*Agricultural Officer*

**Il-vajrus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam, magħruf bħala *Tomato Brown Rugose Fruit Virus* (ToBRFV) huwa vajrus relattivament ġdid li jaffettwa prinċiparjament żerriegħa, xitel u frott tad-tadam u l-bżar.**

ToBRFV kien skopert l-ewwel darba fl-Iżrael u l-Ġordan fl-2014, b'każijiet iktar riċenti fiċ-Ċina, fil-Messiku u fl-Istati Uniti, fost pajjiżi oħra. Minħabba dawn is-sejbiet, kif ukoll ħabba l-obbligu mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/74 tas-26 ta' Jannar 2021, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti qiegħed jeżamina kampjuni ta' żrieragħ, xtieli u pjanti tat-tadam u tal-bżar. Wara numru ta' testijiet, riċentement irriżulta li dan il-vajrus ġie introdott lokalment fix-xitel tat-tadam.

### Mezz ta' trasmissjoni

Dan il-vajrus jiġi trasmess permezz ta' kuntatt bejn żrieragħ, xtieli jew frott ikkontaminat u dawk f'saħħithom. Dan ifisser li użu ta' makkinarju u għodda fuq xtieli infettati huwa mezz ta' tixrid għal pjanti oħra, kif ukoll kontejners u apparat ieħor li jintuża għat-trasferiment ta' pjanti minn post għall-ieħor. B'hekk huwa importanti li jkunu segwiti protokolli ta' ndafa u iġene, kemm fuq il-makkinarju u l-għodda fis-serer, kif ukoll fuq il-bidwi nnifsu. L-organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti tgħid ukoll li insetti u għasafar jistgħu wkoll jikkontribwixxu għal din il-firxa fl-istess żona.

### Sintomi

Is-sintomi u s-severità ta' infezzjoni ta' ToBRFV huma varji u jiddependu fuq l-istadju ta' żvilupp tal-pjanta, fuq iż-żmien ta' infezzjoni, fuq il-kundizzjonijiet ambjentali u fuq l-ispeċi li qed tiġi kkultivata.

Dawn is-sintomi, f'każ ta' xtieli, għandhom tendenza li jidhru l-ewwel fuq in-naħa ta' fuq tax-xitla. Għalkemm jista' jagħti l-każ ukoll li pjanta infettata ma turix sintomi. Tajjeb ukoll insemmu li dawn is-sintomi msemmija huma simili ħafna għas-sintomi ta' mard ieħor fosthom il-vajrus *Pepino Mosaic*. B'hekk, suspetti ta' xtieli morda għandhom dejjem jiġu kkonfermati permezz ta' testijiet fuq kampjuni.

**Uħud mis-sintomi komuni huma:**

| Fuq il-Weraq | Fuq il-Frott |
|---|---|
| Klorosi u disinn bħal mużajk | Tbajja' jew vini sofor |
| Tbajja' skuri | Tbajja' skuri fuq frott aħdar |
| Tinxif u sfurija | Rqajja' mkemmxin |
| Mewt tal-pjanta | Produzzjoni mnaqqsa |
| Deformazzjoni, infafet u tikmix | Deformazzjoni u maturazzjoni irregolari |

### Miżuri u kontrolli

Huwa importanti li l-firxa ta' dan il-vajrus tiġi kkontrollata b'mod effiċjenti għaliex ser tnaqqas il-produttività tas-serer, kif ukoll il-kwalità tal-frotta. B'hekk, il-firxa ta'

ToBRFV jista' jkollha impatt fuq l-għejxien tal-bidwi, u huwa fl-interess tal-produtturi li jixtru żrieragħ jew xtieli mingħand fornituri affidabbli u bid-dokumenti neċessarji. Apparti dan, huwa wkoll essenzjali li tinżamm iġene adekwata fis-serer, u bejn serra u oħra.

Min-naħa tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, ġie mfassal pjan ta' kontinġenza sabiex timminimizza l-ħsara fuq il-produzzjoni, u tikkontrolla l-firxa ta' ToBRFV. Dan il-pjan ikopri diversi lati, fosthom id-distruzzjoni ta' xtieli morda u ttestjar fuq xtieli fil-viċinanzi tagħhom.

Il-miżuri li ttieħdu mid-Direttorat huma mniżżla hawn taħt:

- Il-lottijiet li jinsabu jġorru l-vajrus jiġu distrutti permezz ta' ħruq. Dan isir fil-preżenza ta' uffiċjali mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Pjanti.
- Jekk fl-istess serra jinżammu pjanti oħra ospitanti tat-ToBRFV (bżar jew tadam), dawn jiġu distrutti wkoll. Fil-każ ta' pjanti maturi, dawn għandhom jinqalgħu u jinżammu iżolati sakemm jinxfu u jkunu jistgħu jinħarqu.
- Qtugħ u bejgħ ta' frott minn serra bi pjanti pożittivi huwa pprojbit.
- Jittieħdu kampjuni minn serer oħra tal-istess bidwi li jinsabu ħdejn is-serra infettata.
- Kampjuni minn serer jew għelieqi oħra fil-viċinanzi, f'dik imsejħa żona ta' demarkazzjoni, jinġabru u jiġu ttestjati wkoll.




Sintomi ta' ToBRFV fuq: (A) il-frott tat-tadam (B) il-weraq tat-tadam

- Il-bdiewa jew il-bejjiegħa affettwati jiġu pprovduti bi gwida sabiex jiddiżinfettaw is-serer tagħhom u jevitaw iktar firxa.
- Jinħarġu avviżi f'każ ta' każijiet pożittivi ġo ħwienet li jbigħu ż-żrieragħ jew ix-xtieli, sabiex jinġabru xtieli mill-istess lott li jkunu diġà nbiegħu.
- Isiru kontrolli u jittieħdu kampjuni minn żrieragħ u xtieli li jiddaħħlu f'Malta minn pajjiżi oħra.

## Linji gwida

Peress li l-vajrus ToBRFV huwa trasmess faċilment, ħafna mill-miżuri li jistgħu jittieħdu min-naħa tal-produttur jew tal-bidwi huma kollha preventattivi. L-ewwel punt li jrid jissemma hu t-traċċabilità ta' kull pjanta jew materjal mixtri. Żrieragħ, xtieli jew frott mixtri minn barra minn Malta għandu jkollu ċertifikat jew passaport miegħu li jikkonferma li hu ħieles minn din il-marda.

Apparti minn hekk, huwa ideali li frott ospitanti tal-vajrus, jiġifieri tadam jew bżar, ma jidħolx jew jiġi kkunsmat fis-serer jew għelieqi fejn qed jitkabbru l-pjanti tat-tadam jew tal-bżar. B'hekk, dak li jkun, ikun qed jimminimizza r-riskju ta' introduzzjoni minn sorsi mhux magħrufa.

L-aċċess għas-serer jew għall-għelieqi għandu jkun limitat għall-ħaddiema u kull viżitatur għandu jiddiżinfetta jdejh u ż-żarbun qabel jidħol fis-serra, jew jilbes ilbies protettiv (bħal ingwanti u vajrus), speċjalment jekk ikun ġej minn postijiet oħrajn ta' produzzjoni. L-ilbies protettiv u d-diżinfezzjoni jista' jintuża wkoll mill-ħaddiema, l-iktar f'siti fejn hemm iktar minn serra waħda. Dan jgħin biex f'każ li jkun hemm il-marda f'serra minnhom, din ma tinxteridx għas-serer kollha.

Id-diżinfezzjoni m'għandhiex issir biss fuq il-persuni b'aċċess għas-serer, iżda wkoll fuq l-għodda, il-kaxxi, it-trejs u l-makkinarju li jkunu ntużaw. Dan huwa importanti li jsir bejn serra u oħra, u anki bejn lott qadim u lott ġdid sabiex il-bidwi jaċċerta ruħu li mhux jintroduċi jew ixerred il-mard.

L-aħħar linja gwida li jista' jsegwi l-kultivatur hija li regolarment jeżamina l-pjanti u l-frott tiegħu, u jfittex għas-sintomi msemmija hawn fuq. F'każ ta' suspett ta' mard, il-bidwi huwa mitlub jikkuntattja lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti sabiex jinġabru l-kampjuni neċessarji u jiġu eżaminati fil-laboratorju.

# Jitlesta l-Proġett tal-Qrejten *Breakwater* f'Marsaxlokk

**Il-Ministru Anton Refalo, flimkien mal-Ministru Ian Borg u s-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Stefan Zrinzo Azzopardi, żaru s-sit tal-Qrejten f'Marsaxlokk fejn *Infrastructure Malta* wettqet proġett ta' €4 miljun kofinanzjat minn Fondi Ewropej fuq *breakwater* ta' 110 metri.**



Photo: DOI - Clodagh O'Neill

Dan il-proġett kien ilu mistenni ħafna mis-sajjieda ta' dawn l-inħawi u nħasset il-ħtieġa li tittieħed azzjoni u jitwettaq dan il-proġett għall-komunità Xlukkajra. Dan il-proġett se jkun qed itejjeb kemm l-aċċess kif ukoll l-użu tal-Port ta' Marsaxlokk. Se jkun qed jagħti aktar kenn lill-port, u għaldaqstant, inaqqas ir-riskji li l-maltemp iġib miegħu fosthom ħsarat lill-bastimenti tas-sajd li jinżammu f'din iż-żona.

Il-*breakwater* hu twil madwar 110 metri u wiesa' sitt metri 'l fuq mill-wiċċ tal-baħar. Dan inbena f'fond ta' madwar 3.5 metri taħt il-livell tal-baħar. Madwar din l-istruttura, tqiegħed ħafna ġebel kbir biex ikisser il-mewġ u jżommu milli jidħol b'qawwa fil-Port ta' Marsaxlokk. L-istruttura tixbah lil dik tal-breakwater tal-Port tal-Imġarr, Għawdex.



Photo: DOI - Clodagh O'Neill

Il-Ministru Refalo sostna fuq il-fatt li bħala Ministeru sema' lis-sajjieda u ngħata sapport kbir għaliex huwa konxju li dawn għandhom familja xi jridu jmantnu. Huwa qal li jridu jissalvagwardjaw kull problema li tista' tinqala. Huwa kompla jgħid li rridu nkomplu ninvestu fil-poplu tagħna u ma rridux ninsew li s-settur tas-sajd hekk kif dan huwa settur importanti ferm.

Proġetti oħra ta' infrastruttura marittima li se jiġu introdotti fil-futur qrib jinkludu r-rikostruzzjoni ta' Sally Port, fil-Birgu, u l-introduzzjoni ta' aktar faċilitajiet ġodda ta' siti tal-inżul tal-laneċ sabiex jiġi estiż dan il-mod alternattiv ta' vjaġġar għal postijiet kostali oħra f'Malta.

# Jiġu Premjati r-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni *Fishing For Recipes*

Kitba ta'
NEVILLE SULTANA
*Assistant Manager, Department of Fisheries and Aquaculture*

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni *Fishing For Recipes* ġew ippremjati mill-Ministri Anton Refalo u Justyne Caruana waqt ċerimonja li saret fl-10 ta' Mejju 2021. Il-kompetizzjoni kienet tinvolvi studenti ta' bejn id-9 u l-15-il sena fejn flimkien mal-familja tagħhom kellhom isajru platt delizzjuż li jinvolvi ħut mill-ibħra Maltin li mhumiex daqshekk popolari.**



Photo: DOI - Clifton Fenech

F'din l-ewwel edizzjoni ta' din il-kompetizzjoni ħadu sehem 36 student u studenta u ntgħażlu erba' rebbieħa. Kompli aqra ħalli tara min huma!

Fl-ewwel post ġiet Adreana Chircop li sajret sawrella mixwija bl-għasel u l-bużbież. Din il-koka żgħira ta' għaxar snin għamlet l-iktar platt delizzjuż u sostenibbli fil-kompetizzjoni. Sajret **sawrella** friska li qabdet mal-familja tagħha u użat prodotti naturali bħall-għasel u l-bużbież.



Kiera Privatera ta' 15-il sena ġiet fit-tieni post bil-platt tagħha teriyaki tal-**gattarell** imsajjar fuq il-fwar. Teriyaki huwa tip ta' mmarinar stil Ġappuniż. L-amalgamazzjoni ta' ħut Mediterranju bħall-gattarell u z-zalza ażjatika hija sempliċement sublimi. Dnub li nistgħu nimmaginaw biss it-togħma – sakemm ma nippruvawx ir-riċetta!

Għandna **sawrella** oħra li rebbħet parteċipant ieħor. Fit-tielet post ġie Matthias Porter ta' 9 snin li pprepara kebabs tas-sawrell u aljotta. Il-klassiċità tal-aljotta u l-kreattività tas-sawrella tagħtina taħlita sabiħa fi platt wieħed uniku. Barra minn hekk, din ir-riċetta toffri varjazzjoni sabiħa għal xi barbecue sajfi – kemm se ndumu nieklu bergers u zalzett? Issa hawn alternattiva oħra!

Ir-raba' post ingħata lill-koka ta' 11-il sena, Riana Galea, li sajret **marzapan** bnin bil-patata u ħaxix stil ażjatiku. Dan il-platt delizzjuż kien ibbażat fuq ħaxix differenti u permezz tal-metodu




Photo: DOI - Clifton Fenech

tat-tisjir li ssajret bih il-ħuta, inżammu n-nutrijenti kollha. Dal-platt uriena kif insajru l-ħut b'mod san u sustanzjuż.

Proset lir-rebbieħa u ovvjament lill-parteċipanti kollha talli ħadu sehem f'din l-ewwel edizzjoni tal-kompetizzjoni Fishing For Recipes. Infakkrukom li ser terġa' ssir din is-sena, però ser tinfetaħ għal kulħadd. Proset għal darb'oħra u r-risq lill-parteċipanti li mħajrin jieħdu sehem fit-tieni edizzjoni! Ibqgħu segwuna!



Photo: DOI - Clifton Fenech

# Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Agrikoltura ġewwa l-Għammieri

## (Agriculture Research and Innovation HUB – AGRIHUB)

Kitba ta'
**DR CHRISTIAN SPITERI**
*Senior Manager*

Agriculture Research & Innovation Hub

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-biedja, żoni rurali u ambjentali. L-AGRIHUB ħa jkun qed juża teknoloġija u għarfien xjentifiku biex jagħti pariri tekniċi lill-bdiewa u lir-raħħala fuq it-tkabbir tal-frott u l-ħxejjex u fuq it-trobbija tal-annimali.

Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Agrikoltura (AGRIHUB), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, iservi ta' post fejn riċerkaturi, innovaturi, bdiewa u raħħala, kemm Maltin u anka barranin, jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw prattiċi agrikoli ġodda. L-għan tal-AGRIHUB huwa wkoll li jservi ta' ċentru ta' referenza fejn ikunu jistgħu jiġu żviluppati u ttestjati teknoloġiji innovativi (eżempju bl-użu ta' intelliġenza artifiċjali) li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-settur agrikolu Malti. Dawn l-innovazzjonijiet ġodda ser jiġu mgħallma f'taħriġ offrut minn dan l-istess Ċentru, sabiex is-settur tal-agrikoltura f'pajjiżna kulma jmur isir iktar sostenibbli u jipprovdi prodott agrikolu ta' kwalità ogħla. Il-bdiewa u r-raħħala ħa jkunu jistgħu jaraw dan kollu permezz ta' siti pilota ġewwa l-Għammieri u anka jiġu mgħallma kif it-teknoloġija tista' tgħinhom fil-ħidma tagħhom. Eżempju tanġibbli tax-xogħol illi qiegħed isir bħalissa huwa studju fuq it-tkabbir ta' prodotti agrikoli skont metodi ta' tkabbir użat minn bdiewa f'pajjiżi Mediterranji oħra bi klima simili ta' Malta.

Il-proġett, immexxi mid-Direttorat għall-Agrikotura, qiegħed jaħdem mat-tim mill-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST), u ma' numru ta' xjenzati ġewwa *CIHEAM Bari, International Center for Advanced Mediterranean Agronomic Studies*.



Fig. 1 Tibda tinġabar informazzjoni ta' kif wieħed jista' jkabbar prodotti lokali mill-bdiewa permezz ta' kwestjonarju tekniku



Fig. 2 Teknoloġija li giet żviluppata biex tidentifika l-preżenza ta' insetti li jagħmlu l-ħsara

Il-kollaborazzjoni bejn ir-riċerkaturi lokali u internazzjonali hija essenzjali sabiex jinħoloq ambjent ta' eċċellenza li jġib flimkien nies b'ideat ġodda u għarfien ġdid.

Hemm ukoll numru ta' attivitajiet oħra li huma għaddejjin bħalissa u li jikkumplimentaw ix-xogħol li semmejt:

**Il-Bidwi hu essenzjali għas-suċċess tal-AGRIHUB**

L-ewwel proġett għandu l-iskop li jiddokumenta, b'mod dettaljat, l-għarfien tal-metodi tradizzjonali li l-bdiewa lokali jużaw biex ikabbru l-prodotti agrikoli f'Malta (Ara Fig. 1.1). Dan huwa importanti sabiex dan l-għarfien ma jintilifx maż-żmien. Sfortunatament bħalissa ftit li xejn jeżistu dokumenti u wisq anqas kotba b'informazzjoni ta' kif wieħed jista' jkabbar prodotti lokali (eżempju patata, tadam, siġar taż-żebbuġ, għeneb, tursin, basal, eċċ.). Informazzjoni dwar it-tkabbir ta' frott u ħxejjex minn fuq siti elettroniċi barranin ma jkunux ibbażati fuq il-kundizzjonijiet klimatiċi u t-tip ta' ħamrija lokali. B'hekk dan il-proġett beda jiġbor l-informazzjoni neċessarja mill-bdiewa permezz ta' kwestjonarju tekniku. Dan l-eżerċizzju huwa mistenni jkun lest lejn in-nofs ta' din is-sena, u l-informazzjoni li ħa tinġabar se tintuża minn esperti fi ħdan CIHEAM biex jinkitbu linji gwida fuq it-tkabbir ta' tletin prodott agrikolu Malti. Il-linji gwida ħa jkunu aċċessibbli għall-pubbliku u dawk kollha li jixtiequ jaħdmu fl-agrikoltura.

**Monitoraġġ ta' infestazzjoni ta' insetti li jagħmlu l-ħsara**

It-tieni proġett qed jistudja teknoloġija li ġiet żviluppata ġewwa ċentru ta' riċerka fl-Islovenja (Ara Fig. 2). Din it-teknoloġija tidentifika l-preżenza ta' insetti li jagħmlu l-ħsara lill-patata, lis-siġar taż-żebbuġ, lill-għeneb, lill-frawli u lit-tadam. Riċerkaturi fi ħdan l-AGRIHUB, b'support mill-IAM Bari qed jevalwaw jekk din it-teknoloġija hijiex effettiva fil-prattika, billi jiġi installat tagħmir armat b'kameras u b'nases li jattiraw dawn l-insetti permezz ta' kimiċi msejħa phermones. Il-phermones huma kimiċi li tuża l-insett femminili biex tattira lill-insett maskili. B'hekk l-insett maskili jidħol ġon-nassa, jeħel ma' karta bil-kolla u l-kamera tieħu ritratt li jintbagħat lill-stazzjon ta' monitoraġġ ġewwa l-AGRIHUB permezz tal-Wifi. Software armat b'intelliġenza artifiċjali ħa janalizza dawn ir-ritratti u jinforma lir-riċerkaturi taċ-Ċentru bil-preżenza ta' dawn l-insetti fl-għalqa. B'hekk ir-riċerkaturi jistgħu jinfurmaw lill-bdiewa bit-tip ta' pestiċida li jridu jużaw u meta l-aħjar japplikawh. B'dan il-mod il-bdiewa jkunu jistgħu jikkontrollaw il-popolazzjoni ta' insetti li jagħmlu l-ħsara u sussegwentement jonqos l-użu eċċessiv tal-bexx. Barra minn hekk, it-tagħmir ħa jkun qed ikejjel l-ammont ta' minerali, l-aċidità u l-kontenut ta' ilma fil-ħamrija. It-tagħmir huwa wkoll armat biex jibgħat informazzjoni dwar it-temp fl-għalqa fejn ikun installat. Din l-informazzjoni kollha ħa tintbagħat b'mod awtomatiku lil stazzjon ta' monitoraġġ fejn ħa tiġi użata għal skopijiet ta' studji xjentifiċi. Din is-sistema teknoloġika ħa tkun qed taħdem bl-enerġija tax-xemx ( Ara Fig. 3). Il-ħidma diġà bdiet biex jiġu installati nases fl-għelieqi tal-bdiewa li qed juru x-xewqa li jipparteċipaw f'dan l-istudju. Min hu interessat jipparteċipa għandu jċempel fuq +356 22926887 biex jikseb iktar informazzjoni.

L-AGRIHUB huwa proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea b'75% fondi ġejjin mill-Ewropa u 25% tal-fondi huma lokali, b'mod speċifiku mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali għas-snin 2014-2020.



Fig. 3 Is-sistema taħdem bl-enerġija tax-xemx

# Tibda Kampanja Edukattiva Dwar il-Ħarsien tal-Annimali

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo u l-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali Alison Bezzina għadhom kemm ħabbru kampanja estensiva dwar iż-żamma tal-annimali kemm domestiċi u anke dawk li jinżammu fl-irziezet.

Il-ministeru jaħdem id f'id mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali biex f'ħidma konġunta jikkollaboraw mal-pulizija u mal-qrati sabiex tiġi infurzata l-liġi bil-għan li jitnaqqsu l-każijiet ta' abbużi u n-negliġenza fuq l-annimali.

Il-Ministru Anton Refalo tkellem dwar l-importanza ta' aktar edukazzjoni fuq dan is-suġġett li huwa daqstant sensittiv. B'hekk il-poplu jkun aktar mgħarraf dwar ir-responsabbiltajiet li għandu meta jiddeċiedi li jrabbi annimal u jkun jaf ukoll dwar il-mod ta' kif għandhom jinżammu l-annimali. F'soċjetà moderna kif inhi llum irid jibqa' jkun hemm għarfien fuq bażi regolari biex dak li jkun jifhem aktar l-importanza li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-annimali.

Il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali Alison Bezzina spjegat li każijiet ta' abbuż, moħqrija u negliġenza ġeneralment ikunu riżultat ta' nuqqas ta' għarfien ta' kif wieħed għandu jrabbi l-annimali. Kien għalhekk li nħass il-bżonn biex din il-kampanja teduka aktar lill-poplu Malti u Għawdxi anke rigward emendi fil-liġi marbuta mad-drittijiet tal-annimali.

Dawn il-ħdax-il filmat se jispjegaw l-irwoli tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kif ukoll tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD). Il-filmati se jippromovu wkoll l-adozzjoni tal-annimali mid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali.







# Jitqassam Xitel Żgħir tas-Siġar tal-Palm

**Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo għal darb'oħra ltaqa' ma' diversi kunsilli lokali sabiex id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura jkun jista' jqassam xtieli żgħar tal-palm qabel ma jibda l-istaġun tal-lampuki.**


Photo: DOI - Pierre Sammut



Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti għandu rwol f'dan il-proċess importanti, hekk kif jiġbor is-siġar tal-palm li jkunu mingħajr ebda mard bijoloġiku jew xi difetti oħra. Wara dan il-proċess jieħdu ħsieb li tingħata kura lis-siġar tal-palm sabiex ikunu ċerti li dawn ma jiġux attakkati mir-Bumunqar Aħmar tal-Palm u fl-istess ħin il-benefiċjarji jibbenefikaw minn dan il-proċess ukoll.

B'kollox kien hemm tmintax-il kunsill lokali u erbatax-il sajjied li kienu interessati li jakkwistaw dan ix-xitel żgħir sabiex ikabbru s-siġar tal-palm. Il-weraq ta' dawn is-siġar huma bżonjużi ħafna biex imbagħad, ftit ġranet qabel jiftaħ l-istaġun tal-lampuki, titnieda inizjattiva tat-tqassim tal-palm lis-sajjieda mingħajr ħlas.

Il-Gvern irid iserraħ moħħ is-sajjieda li se jkollhom palm biżżejjed biex jippreparaw il-kannizzati tagħhom għall-istaġun tal-lampuki li normalment jibda fil-15 t'Awwissu u jibqa' għaddej sal-aħħar tas-sena. Aktar tard matul is-sena jsiru sensiela ta' laqgħat ma' entitajiet pubbliċi u privati kif ukoll mal-kunsilli lokali sabiex jintlaħaq ftehim dwar f'liema żoni se jinżabar il-palm, jinġabar il-weraq u fl-aħħar issir id-distribuzzjoni lis-sajjieda b'xejn.

Din l-inizjattiva sservi wkoll għat-tisbiħ tal-ambjent minħabba n-numru ta' siġar li se jitħawlu fil-lokalitajiet differenti, kif wkoll ma nistgħux ma nsemmux li bit-tħawwil ta' dawn ix-xtieli ser ngħinu s-sostennibbiltà tas-siġar tal-palm.

Il-Ministru Refalo qal li s-sena li għaddiet ġew miżbura 'l fuq minn 800 siġra u li l-Ministeru pprovda 'l fuq minn 15,000 weraq tal-palm lis-sajjieda tal-lampuki. Dan huwa ezempju ieħor ta' kemm il-Gvern qiegħed jagħmel dak kollu li jista' biex ikompli jgħin lis-sajjieda sabiex jiffaċilita l-ħidma tagħhom.


Photo: DOI - Pierre Sammut

# Is-Sajda tal-Imrejkba

Kitba ta'
MATTHEW LASPINA
*Assistant Manager, Department of Fisheries and Aquaculture*

**L-Imrejkba hija sajda rikreattiva u sostenibbli peress li hija sajda selettiva.** L-Imrejkba hija sajda tradizzjonali Maltija, li bdiet tintuża żmien twil ilu u din ġiet ivvintata mis-sajjieda rikreazzjonali Maltin u fil-fatt hemm xi sajjieda Taljani li jużaw din is-sajda però ġiet adottata mill-Maltin u Għawdxin u adattata skont is-sajda tagħhom. Din is-sajda ilha tiġi pprattikata żmien twil, u fil-fatt wieħed mis-sajjieda li tkellem miegħi qalli li għandu 73 sena u minn dejjem jiftakar is-sajda tal-imrejkba hawn Malta.

L-Imrejkba għandha forma ta' triangolu magħmula minn qasab, pajpijiet tal-plastik, zkuk, injam jew fliexken tal-plastik, imserrħa fuq sufri. L-imrejkba tkun forma ta' triangolu biex taqta' l-ilma u tibqa' miexja 'l quddiem. Fiċ-ċentru tat-triangolu hemm arblu bil-qlugħ. Waħda mill-iktar affarijiet li hija importanti f'din is-sajda hi li jrid ikun ir-riħ ġej minn wara s-sajjied biex kemm jista' jkun l-imrejkba toħroġ 'il barra permezz tal-qlugħ. Jekk ir-riħ ikun ġej eżatt minn wara, il-lenza għandha tintrabat maċ-ċentru tal-imrejkba, però jekk ir-riħ ġej minn direzzjoni oħra, importanti li l-lenza tintrabat mill-ġenb, biex id-direzzjoni tar-riħ tiġi kkumpensata.

Il-lenza hija armata bi xlief oħxon, b'tul li kien ivarja, skont l-għoli ta' fejn ikun qed jistad is-sajjied, però kienu daħlu xi restrizzjonijiet li kienu jgħidu li l-lenza ma setgħetx tkun iktar minn 300 qama. Il-lenza kien ikollha fergħat ta' xlief irqaq imqabbdin bi swivels u b'ċomba żgħira biex iżżomm il-fergħat 'l isfel u stirati meta kien ikun hemm kurrent, b'ċerta distanza ugwali bejn kull fergħa. Ma' kull fergħa jintrabtu snanar li bħala qies ivarjaw skont is-sajda tas-sajjied. Skont sajjied rikreazzjonali jista' jkun hemm minn ftit snanar u anke sa 65 sunnara jew iktar.

Din is-sajda kienet issir mill-art, però kien ikun hawn sajjieda li kienu jipprattikaw din is-sajda tradizzjonali mill-baxx minn fuq xi bajja jew mill-għoli minn xi irdum. Din il-lenza tkun marbuta mal-imrejkba, kif ukoll mal-art. Wieħed mis-sajjieda rikreazzjonali qalli wkoll li kien iqabbad l-imrejkba ma' qasba tar-rukkell biex ikollu iktar kontroll fuqha. Is-sajjieda rikreazzjonali kienu jqiegħdu sufri mal-lenza biex ma jeħlux mal-qiegħ. It-tip ta' sufri li kienu jintużaw kienu jiddependu ħafna fuq il-fond jew it-tip ta' ħut li riedu jaqbdu s-sajjieda. Ħafna mis-sajjieda kienu jħallu l-imrejkba toħroġ skont ir-riħ u jiġbdu lura wara xi siegħa jew siegħa u għoxrin minuta. Fl-antik, wara li jispiċċaw mis-sajda, l-imrejkba kienet titqiegħed ġo qoffa jew ġo xi tip ta' kontenitur biex ma titħabbilx, però iktar m'għadda żmien aktar bdew irembluha fuq romblu.

Din is-sajda kienet tintuża biex jinqabdu s-sargi, il-kaħli u l-lampuki. Il-forma tal-imrejkba kienet tkun l-istess għal dawn is-sajdiet, però l-qies tas-snanar u l-ħxuna tal-lenza tvarja skont is-sajda. Il-ħin tas-sajda jvarja wkoll. Pereżempju



Photo: DOI - Pierre Sammut



Photo: DOI - Pierre Sammut

s-sajjieda li jmorru għas-sargi u għall-kaħli jistadu tard billejl bejn id-disgħa ta' filgħaxija u anke wara l-ħdax ta' filgħaxija. Ir-raġuni hija li dan il-ħut joħroġ jikkaċċja dak il-ħin u jekk il-lenza tal-imrejkba titqiegħed iktar kmieni, hemm ċans li l-lixka tittiekel minn ħut żgħir. Is-sajda tas-sargi u tal-kaħli ssir is-sena kollha waqt li s-sajda tal-lampuki kienet tiġi ppreparata binhar, però kienu jistadu għaliha bejn Awwissu u Diċembru. Għalkemm is-sajjieda li tkellimt magħhom qaluli li dan kien l-iktar ħut li jinqabad, skont Toni Calleja fil-kitba tiegħu "Iktar Intietef mill-Għasri ta' tfulitu" kienu jistadu wkoll għall-Imsell. Wieħed mis-sajjieda li ġie intervistat qal li anke għal-lizzijiet kienu jistadu. Sajjied rikreazzjonali ieħor qalli li kien imur bl-imrejkba biex jistad għall-ħut kollu tal-wiċċ. Il-lixka li kienet tintuża tvarja wkoll. Kien hemm sajjieda li kienu jużaw tumbrell, ħniex tal-Imperjal, klamari, xkal u bibi. Problema li kien ikollhom dawn is-sajjieda tal-imrejkba kienet li jekk tgħaddi dgħajsa hemm ċans li taqtagħlek l-imrejkba kollha, però jiddependi f'liema fond ikunu qed jistadu.

Hemm diversi postijiet fejn kienu jmorru s-sajjieda. Postijiet bħal Miġra l-Ferħa, l-Imtaħleb, Lapsi, Dwejra u l-Blata tal-Melħ huma postijiet li spiss jiffrekwentaw. Wieħed mis-sajjieda li tkellem miegħi qalli li l-irdumijiet kollha fil-Punent ta' Malta huma postijiet ideali għal din is-sajda. Però sajjied ieħor semmieli li ċ-Ċirkewwa huwa wkoll post tajjeb biex tiġi pprattikata s-sajda tal-imrejkba. Wieħed mis-sajjieda li ġie intervistat saħaq li anke l-Baħrija, is-Siġġiewi u l-Qammieħ kienet tiġi pprattikata din is-sajda tradizzjonali. Skont ċerti sajjieda, kien ikun hemm ukoll ċerti nies li kienu jinżlu f'xi għerien Lapsi u l-Blata tal-Melħ bis-slielem u bil-ħbula biex jistadu din is-sajda Maltija.

Id-Dipartiment tas-sajd u l-akwakultura ser iniedi skema ta' konsultazzjoni mas-sajjieda rigward din it-tip ta' sajda. Dawn il-konsultazzjonijiet ġew inawgurati fil-konferenza stampa mill-Onor. Anton Refalo. Is-Sur Joseph Falzon, sajjied rikreazzjonali mill-Imġarr Malta, kien preżenti waqt il-konferenza stampa biex jagħmel wirja ta' kif taħdem is-sajda tal-imrejkba. Is-sajjieda li jixtiequ jiġu kkonsultati u jiddiskutu kif din is-sajda tista' tiġi mmaniġġjata jistgħu jċemplu fuq **22926800** bejn it-8:00 u l-16:00, jew jibagħtu email fuq **infofisheries.mafa@gov.mt** bl-isem u l-kunjom, in-numru tal-mowbajl u l-indirizz tal-email sal-31 ta' Mejju 2021.



Photo: DOI - Pierre Sammut

# Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Utenti Professjonisti u d-Distributuri tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti

**L-użu tal-pestiċidi f'Malta, kemm minn utenti professjonali kif ukoll minn utenti mhux professjonali, huwa rregolat mil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 430.08 dwar ir-Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi. L-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja tirregola wkoll il-bejgħ tal-pestiċidi mid-distributuri tal-pestiċidi.**

F'konformità ma' dawn ir-regolamenti, kemm l-utenti professjonali kif ukoll id-distributuri tal-pestiċidi huma meħtieġa li jkunu ċċertifikati mill-MCCAA. Din iċ-ċertifikazzjoni tinkiseb wara taħriġ iddisinjat biex jiżgura li l-utenti professjonali u d-distributuri jakkwistaw għarfien suffiċjenti dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, inklużi s-suġġetti kollha deskritti fil-leġiżlazzjoni, filwaqt li jqisu l-irwoli u r-responsabbiltajiet differenti tagħhom. L-għan huwa li jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem, inkluż fuq min qed japplika l-prodott, in-nies fil-viċin, il-konsumaturi, u fuq l-ambjent.

Iċ-ċertifikazzjoni tinkiseb billi jitlesta b'suċċess kors organizzat minn trainer iċċertifikat mill-MCCAA, konformi mal-istess dispożizzjonijiet regolatorji. Meta jitlesta dan il-kors b'suċċess, tingħata ċertifikazzjoni mill-MCCAA li tibqa' valida għal ħames snin.

Regolarment jitwettqu kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw li l-utenti u d-distributuri professjonali jkunu ċċertifikati kif xieraq.

**Metodu tal-applikazzjoni**

Il-proċedura għall-applikazzjoni jew għat-tiġdid tal-iskadenza taċ-ċertifikazzjoni tista' ssir billi tikkuntattja trainer rikonoxxut mill-MCCAA u timtela formola tal-applikazzjoni. Fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità, **www.mccaa.org.mt**, hemm disponibbli kemm il-lista ta' trainers rikonoxxuti mill-MCCAA, kif ukoll l-applikazzjoni online. L-applikazzjoni tista' tinġabar ukoll mill-uffiċini tal-MCCAA fi Blata l-Bajda.

**Estensjoni tal-validità fid-dawl tal-imxija tal-COVID-19 u miżuri relatati – dikjarazzjoni maħruġa mid-diviżjoni tar-regolamenti tekniċi fi ħdan l-MCCAA**

Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Utent Professjonali u Distributur maħruġa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli ta' Pestiċidi, f'SL 43.08 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, Kap 430 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet estiża fid-dawl tal-imxija tal-COVID-19 u miżuri relatati.

B'konsiderazzjoni lejn il-kundizzjonijiet straordinarji f'konformità mal-miżuri kurrenti marbuta mal-imxija tal-COVID-19, u b'hekk ir-restrizzjonijiet għall-organizzazzjoni tal-korsijiet u wara, l-eżami tal-applikanti għat-tiġdid jew l-applikazzjoni għal ċertifikazzjoni bħala Utenti Professjonali jew Distributuri ta' Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti, il-validità taċ-ċertifikazzjoni kurrenti li skadiet bejn ix-xhur ta' Marzu 2020 u Marzu 2021, għandha terġa' tiġi estiża sat-30 ta' Settembru 2021, sakemm din ma tiġix riveduta mod ieħor mill-MCCAA qabel it-30 ta' Settembru 2021.

Il-validità taċ-ċertifikazzjoni kurrenti li għandha tiskadi fix-xhur bejn April 2021 u Awwissu 2021, għandha tiġi estiża wkoll sat-30 ta' Settembru 2021, sakemm din ma tiġix riveduta mod ieħor mill-MCCAA qabel it-30 ta' Settembru 2021.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifikazzjoni, tista' ġentilment tikkuntattja lid-Direttorat għall-Affarijiet Regolatorji tad-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi fi ħdan l-MCCAA fuq **pesticides.regulations@mccaa.org.mt** jew **23952000**.

# L-Emenda fl-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza Edward Zammit Lewis, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo, u l-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali Alison Bezzina ħabbru emenda fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

L-emenda li qed tiġi proposta tmur lil hinn mill-projbizzjoni li persuna li tinstab ħatja ta' moħqrija fuq l-annimali, ikollha annimal. L-emenda tinkorpora wkoll li l-persuna ma tistax toqgħod f'dar fejn hemm annimal domestiku, anke jekk mhuwiex l-istess annimal li ġie maħqur.

Il-Ministru Zammit Lewis ta sfond dwar għalfejn inħass il-bżonn ta' din l-emenda. Fit-22 ta' Frar 2021 kienet ingħatat sentenza fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fejn l-akkużat instab ħati talli serjament immaltratta kelb. Din is-sentenza tefgħet dawl fuq il-fatt li m'hemm xejn fil-liġi dwar it-trattament tal-annimali li tista' twaqqaf persuna li nstabet ħatja ta' moħqrija tal-annimali, li temporanjament jew b'mod permanenti, iżżomm annimal. Huwa tkellem ukoll dwar il-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet tal-annimali u kif din l-emenda se tkun qed tagħmel proprju dan. Il-Ministru wera sodisfazzjon għall-fatt li l-Gvern jimplimenta suġġerimenti li jsiru mill-qrati tal-ġustizzja.


Photo: DOI - Pierre Sammut

Il-Ministru Anton Refalo spjega kif minn żmien għall-ieħor ilkoll nisimgħu b'każijiet ta' abbużi b'kattiverja fuq l-annimali. Il-Ministeru li minnu hu responsabbli kien minn ta' quddiem biex isiru l-emendi neċessarji fuq l-att li jirrigwardja l-benesseri tal-annimali biex in-nies li jwettqu dawn ir-reati jingħataw il-piena meħtieġa. Huwa semma l-ħidma kontinwa li ssir mal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali, mal-Korp tal-Pulizija u mal-Qrati se tkompli biex l-annimali jibqgħu jiġu mħarsa filwaqt li jieqaf kull tip ta' abbuż.


Photo: DOI - Pierre Sammut

Il-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali Alison Bezzina qalet li permezz ta' din l-emenda, l-annimali se jiġu protetti b'żewġ modi; li tnaqqas l-opportunità li persuna li tkun wettqet moħqrija fuq l-annimali terġa' tagħmilha, u li tibgħat messaġġ ċar li bħala pajjiż qed nieħdu l-moħqrija tal-annimali bis-serjetà. Il-Kummissarju rringrazzjat lill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech talli esprimiet id-diffikultajiet li kienet qed tiffaċċja bil-liġi preżenti minħabba li ma setgħetx tagħti sentenza li tipproteġi l-annimali kif xieraq.

Minn issa 'l quddiem, minbarra l-piena ta' multa u ħabs, persuna tista' wkoll tiġi pprojbita milli qatt ikollha annimal ieħor fil-pussess tagħha jew li tgħix taħt is-saqaf ta' annimali oħra.

# Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali mill-ġdid jipparteċipa fi SkolaSajf

Kitba ta'
ROBERT CUTAJAR
*Principal, Animal Health and Welfare Department*




**Għas-sitt sena konsekuttiva, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali ser jieħu sehem fi SkolaSajf. Il-parteċipazzjoni fl-edizzjoni ta' din is-sena ser tkun differenti mis-soltu. Fil-fatt, għall-ewwel darba, id-Direttorat ser ikun qed jilħaq iċ-Ċentri kollha madwar Malta u Għawdex u allura d-Direttorat ser ikun qed jagħti s-sehem tiegħu f'60 ċentru fejn l-istudenti ser ikunu qed jattendu għal SkolaSajf.**




Dan se jkun possibbli billi b'mod virtwali u b'servizzi awdjoviżivi se nkunu qed inwasslu aktar għarfien lill-istudenti dwar xiex tikkonsisti l-ħidma tad-Direttorat. Mhux biss, imma naqsmu mal-istudenti dawk l-istejjer ta' suċċess li jkunu qed iseħħu minn żmien għal żmien waqt l-operat tad-Direttorat.

Interessanti se tkun ukoll kompetizzjoni innovattiva li ser tiġi introdotta mid-Direttorat fost l-istudenti kollha li ser ikunu qed jattendu l-edizzjoni ta' SkolaSajf ta' din is-sena. Fl-edizzjonijiet passati numru sabiħ ta' studenti ta' kull età ħadu sehem f'kompetizzjonijiet li varjaw minn stessu mal-pet favorit, għal kitbiet ta' poeżiji fuq l-annimali, kif ukoll tpinġijiet b'temi varji dwar il-ħarsien tal-annimali. Għall-edizzjoni ta' din is-sena l-istudenti ser jiġu mistiedna jieħdu filmati mal-annimal favorit tagħhom permezz tal-mowbajl. Wara, ġurija indipendenti tagħżel l-isbaħ filmati. Dawk l-istudenti bl-isbaħ filmati jingħataw rigali sbieħ li jkunu jikkonsistu f'kotba dwar l-annimali. Hemm il-possibbiltà wkoll li dawn l-istess filmati jintużaw ukoll fuq diversi mezzi tal-midja soċjali jew f'servizzi/kampanji oħra li d-Direttorat ikun qed iniedi minn żmien għal żmien.

Dan il-ftehim dwar sehem id-Direttorat waqt SkolaSajf 2021 ġie ffinalizzat fl-aħħar ġimgħat wara numru ta' laqgħat li saru bejn id-Direttorat u uffiċjali tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi.

L-iskop ta' dan kollu hu wieħed ċar fejn id-Direttorat ser ikompli jagħti s-sehem tiegħu fuq quddiem nett fis-soċjetà Maltija sabiex inkomplu nżidu aktar għarfien u informazzjoni dwar il-ħidma tagħna. Aktar minn dan, permezz tax-xogħol kollu li nwettqu, qegħdin inkomplu nxettlu aktar imħabba u attenzjoni għall-ħarsien tal-annimali fost il-poplu Malti u Għawdxi.

**B'mod virtwali u b'servizzi awdjoviżivi se nkunu qed inwasslu aktar għarfien lill-istudenti dwar xiex tikkonsisti l-ħidma tad-Direttorat**

# Il-Ħames Libertajiet tal-Annimali

Kitba ta'
**GEORGE FARRUGIA**
*Officer, within the Office of the Commissioner for Animal Welfare*



Il-ħames libertajiet tal-annimali żviluppaw sabiex jitħares il-benesseri ta' kull annimal. Bis-saħħa ta' dawn il-ħames libertajiet, is-sidien tal-annimali huma obbligati sabiex jiżguraw illi l-istat ta' saħħa fiżika u mentali tal-annimali jkunu mħarsa.

Il-kunċett tal-ħames libertajiet tal-annimali, jew kif nafuh *The Five Freedoms*, żviluppa fl-1965. Dan kompla jevolvi u aktar tard ġie adattat mill-Assoċjazzjoni tal-Kenn għall-Veterinarji (Association of Shelter Veterinarians). Il-ħames libertajiet tal-annimali huma magħrufa mad-dinja kollha u japplikaw għall-annimali kollha, sew jekk huma annimali domestiċi, annimali tal-irziezet, annimali eżotiċi u annimali oħra. Għalhekk is-sidien tal-annimali għandhom jiżguraw illi l-annimal/i tagħhom ikunu miżmuma b'mod xieraq.

### X'inhuma l-Ħames Libertajiet tal-Annimali?

Kif jisħaq it-titlu, dawn huma ħames punti kruċjali li kull annimal irid ikollu. Dawn huma:

1. il-libertà għall-ikel u x-xorb
2. il-libertà minn skumdità
3. il-libertà mill-uġigħ u l-mard
4. il-libertà li jesprimi mġiba xierqa
5. il-libertà mill-biża' u d-dwejjaq

Bħalna l-bnedmin, l-annimali jridu jieklu u jixorbu biex jgħixu. Għalhekk sid l-annimal irid jiżgura li jitma' lill-annimal tiegħu regolarment. Barra min hekk, is-sid għandu jipprovdi ikel sustanzjuż sabiex l-annimal jieħu dawk in-nutrijenti li jkollu bżonn biex jgħix ħajja sana.

Kull annimal irridu nipprovdulu post komdu fejn jgħix, ikollu spazju biżżejjed fejn joqgħod u jkun komdu, u jkollu kenn minħabba l-elementi. Din il-libertà tiżgura biex l-annimal ma jbatix minn skumdità.

Meta l-annimal ikun marid huwa s-sid li jrid jinduna. Għalhekk, huwa essenzjali illi meta s-sid jinduna li hemm tibdil fl-imġiba tal-annimal jikkuntattja l-veterinarju mill-ewwel. Aktar mal-annimal ikun ikkurat minn kmieni, aktar hemm ċans illi l-annimal ikun salvat. Madankollu, bħalna l-bnedmin, l-annimali wkoll importanti li jieħdu numru ta' vaċċini sabiex ikun evitat ċertu mard.

Ir-raba' libertà tal-annimali hija, li kull annimal ikun jista' jesprimi mġiba xierqa. Wieħed jistaqsi, x'għandu bżonn biex annimal jesprimi mġiba xierqa? Importanti li kull annimal ikollu spazju biżżejjed fejn jimraħ u, fejn ikun possibbli, ikollu annimali oħra jgħixu miegħu.

L-aħħar libertà hija dwar il-biża' u d-dwejjaq. L-annimal, qatt u fl-ebda ħin m'għandu jsofri minn xi tip ta' biża' jew dwejjaq għax dan jista' jwassal biex l-annimal ibati minn tbatija mentali. Hemm diversi forom kif annimal jista' jsofri minn biża' jew dwejjaq, fosthom meta xi ħadd jgħajjat b'mod esaġerat u kontinwament mal-annimal, meta l-annimal ikun imsawwat, meta annimal ikun marbut għal ħin twil, jew meta annimal bilkemm ikollu fejn joqgħod. Dan kollu jista' jwassal biex annimal possibilment isofri minn stress, jimrad, u hemm ċans illi l-imġiba tal-annimal ssir waħda aggressiva.

# Il-Benesseri tal-Annimali fl-Irziezet

L-ewwel leġiżlazzjoni li ġiet adattata ġewwa Malta għall-protezzjoni tal-annimali miżmuma ġewwa l-irziezet, kienet ippubblikata f'Diċembru tal-2001. Dawn il-liġijiet ġew adattati għall-protezzjoni tal-ħajjiet tal-annimali, u sabiex jipprevenuhom milli jsofru.

Dawk l-irziezet li qegħdin iżommu ammont speċifiku ta' annimali huma mitluba jiġu rreġistrati mas-Servizzi Veterinarji. Dan jiggarantixxi li s-saħħa ta' dawn l-annimali hija protetta, kif ukoll jiggarantixxi li l-bdiewa jikkonformaw ruħhom mal-istandards tal-benesseri, li huma implimentati fil-leġiżlatura tal-Unjoni Ewropea (UE), kif ukoll fil-leġiżlatura Maltija. Il-benesseri tal-annimali hija relatata fil-qrib mas-saħħa tagħhom, u allura, il-pjanijiet tas-saħħa li ġew żviluppati mill-veterinarji huwa pass importanti sabiex il-benesseri tal-annimali jkunu miżmuma.

Mad-dħul ta' Malta ġewwa l-UE, id-Direttiva 98/58/EC fuq il-protezzjoni tal-annimali miżmuma għall-skopijiet ta' biedja, ġew adattati. Minn dakinhar sa issa, il-leġiżlazzjonijiet ġew żviluppati iktar sabiex il-benesseri tal-annimali tkun imtejba, billi jkun hemm standards minimi implimentati għaż-żamma tagħhom, għat-trasport, għall-qtil, u għal kull aspett ieħor ta' ħajjithom. L-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitlu 439 tal-Leġiżlatura Maltija huwa l-att prinċipali sabiex jirregola l-benesseri tal-annimali ġewwa Malta.



Ġeneralment, l-ispeċi differenti kollha huma protetti minn diversi direttivi u regolamenti sabiex jikkontrollaw:

1. l-istandards minimi għall-kundizzjoni meħtieġa ta' spazju għal etajiet differenti u gruppi ta' annimali differenti;
2. il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għalf u t-tisqija;
3. is-separazzjoni, it-trattament jew l-ewtanasja tal-annimali morda jew imweġġgħa;
4. il-livelli ta' dawl u storbju ġewwa r-razzett;
5. il-ventilazzjoni;
6. it-temperatura tal-akkomodazzjoni;
7. l-indafa u d-diżinfettazzjoni;
8. il-pavimentar;
9. it-tnaqqis taċ-ċans tal-inġurja;
10. it-titjib ta' kompetenza u tħarriġ tal-bdiewa u l-individwi li jaħdmu mal-annimali.

Barra minn dan, il-leġiżlatura timmira sabiex ittejjeb il-benesseri billi tissettja standards partikolari għall-ispeċi hekk kif kollha kemm huma jirrikjedu kundizzjonijiet speċifiċi, skont l-aġir u l-fiżjoloġija tagħhom.

**Il-Ħnieżer**

Il-Benesseri tal-ħnieżer hija protetta mid-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/EC u S.L.439.02 tal-Leġiżlatura Maltija. Dawn ir-regolamenti jimmiraw sabiex inaqqsu l-użu tat-tilari u l-bżonn ta' proċeduri kirurġiċi sabiex ibiddlu fiżikament l-annimal (bħal tail docking u teeth clipping).

B'mod partikolari l-ħnieżer huma annimali kurjużi ħafna, u jirrikjedu materjal bħal chopped straw, alfalfa, u materjal ieħor sabiex ikunu jistgħu jilagħbu u jżommu lilhom infushom okkupati (eż. ħabel, injam, friegħi).

Il-ħniezer li jkunu mdejqin, jew inkwetati, tipikament jispiċċaw jinfexxu billi jigdmu d-denb ta' sħabhom. Dan ikun ġeneralment il-każ minħabba n-nuqqas ta' materjal bl-għeruq, u prattiċi ta' mmaniġġjar mhux tajbin biżżejjed. L-irziezet jiddeċiedu li jagħmlu tail docking tal-ħniezer sabiex jipprevenuhom milli jigdmu d-denb ta' xulxin. Din ir-rutina ta' tail docking ġiet ipprojbita madwar l-UE mid-Direttiva tal-kunsill 2008/120/EC, u l-irziezet għandhom jiġu mtejba sabiex inaqqsu n-neċessità ta' tail docking. L-evidenza trid tkun miġjuba lejn l-awtoritajiet sabiex turi li tail docking u teeth clipping huma neċessarji, peress li l-metodi l-oħra sabiex inaqqsu dawn il-vizzji ma kinux ta' suċċess.

**L-Għoġol**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/EC u S.L.439.01 tal-Liġi Maltija joffru l-protezzjoni tal-benesseri tal-għoġol. Ġewwa din il-leġiżlazzjoni, apparti mill-kundizzjonijiet ġenerali li kienu msemmija fuq, l-għoġġiela ma

jistgħux ikunu sseparati b'mod individwali, meta jkunu ta' età ikbar minn tmien ġimgħat, u ma jistgħux ikunu marbutin. L-għoġġiela jridu jkunu mogħtija kolostru frisk mal-ewwel sitt xhur ta' ħajja. Il-kolostru huwa l-ewwel ħalib li, mhux biss isostni l-għoġol bl-enerġija u bl-ikel, iżda wkoll jipprovdi antikorpi li jipprevenu l-għoġol milli jimrad bl-infezzjonijiet minn sorsi diversi.

### It-Tiġieġ

Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/EC timplimenta regoli minimi fuq il-protezzjoni tat-tiġieġ li jinżammu għall-produzzjoni tal-laħam. Din hija trasposta ġewwa l-Liġi Maltija bħala S.L.439.12. Din il-leġiżlazzjoni timmira sabiex tillimita l-iffullar żejjed tas-sistemi tal-akkomodazzjoni, b'numru suffiċjenti ta' individwi li jagħlfu għall-għasafar. Il-kunċett ta' beak trimming huwa pprojbit, sakemm il-bidwi jista' juri li l-metodi l-oħra kollha sabiex jipprevenu l-ġlied u l-kannibaliżmu ġew eżawriti.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/EC u S.L.439.07 jirrelataw għall-protezzjoni tat-tiġieġ li jbidu. Hemm distinzjoni bejn tliet tipi ta' sistemi għal dawn it-tiġieġ:

1. Sistemi ta' gaġeġ non-enriched, li ġew projbiti mill-1 ta' Jannar 2012.
2. Gaġeġ enriched, li jippermettu tiġieġ bl-ispazju ta' gaġġa ta' 750cm$^2$ kull tiġieġa.
3. Sistemi alternattivi oħra, fejn id-densità tal-istocking ma taqbiżx disa' tiġiġiet kull m$^2$ ta' spazju li jista' jintuża, bil-minimu ta' bejta waħda għal kull seba' tiġiġiet, u perċi adegwati.

It-tiġieġ irid ikollhom ukoll bejta, spazju tal-perċa, mifrex sabiex it-tnaqqir u l-grif ikun possibbli, u aċċess mhux restritt għall-għalf.

### Il-Baqar, il-fniek, u annimali oħra

M'hemmx leġiżlazzjonijiet speċifiċi mill-UE għall-biedja tal-baqar, papri, fniek, wiżż, u speċi oħrajn, iżda r-regoli ġenerali implimentati fid-Direttiva tal-Kunsill 98/58/EC japplikaw, bħalma japplikaw ir-regolamenti tal-Liġi Maltija 439.09, u fl-Att tal-Benesseri tal-Annimali (Kapitlu 439).

### Protezzjoni waqt il-qtil

Numru ta' riċerki u investigazzjonijiet ġew iddedikati sabiex itejbu l-benesseri tal-annimali waqt il-qtil. Dan sabiex it-tbatija u l-istress ikunu mnaqqsa kemm jista' jkun, mill-mument li l-annimali jitilqu mir-razzett l-oriġinali, matul it-trasport tagħhom, fil-marqad tal-biċċerija, sal-punt meta jiġu maqtula mill-bnedmin.

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 93/119/EEC, Regolament tal-Kunsill (EC) N° 1099/2009 u S.L. 439.03 tal-Leġiżlatura Maltija rigward il-protezzjoni tal-annimali fil-waqt tal-qtil. Stordament huwa l-metodu li jintuża sabiex l-annimal jiġi inkonxju, qabel isir il-qtil, sabiex l-annimali ma jħossux uġigħ, jew stress. Metodi differenti ta' stordament bdew jiġu studjati, u żviluppati għal speċi differenti ta' annimali. L-iktar metodu uman u adattat sabiex jirrendu l-annimali biex jiġu inkonxji, bl-inqas ammont ta' wġigħ, jew stress, jiġu mfittxija. Il-biċċeriji huma wkoll iddisinjati għal speċi differenti, sabiex il-fluss tal-annimali jiġi mtejjeb u sabiex inaqqsu l-istress.

### Il-Ksur tal-benesseri tal-annimali

L-uffiċjali veterinarji ġewwa d-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD), regolarment u konsistentement iwettqu spezzjonijiet tal-irziezet Maltin kollha sabiex jassiguraw li dawn il-leġiżlazzjonijiet Maltin u dawk mill-UE qegħdin jiġu msegwija. Jekk jinstab li offiża tkun preżenti għal dawn il-leġiżlazzjonijiet, kull persuna li jinstab ħati għall-ewwel darba jista' jeħel bejn €2000 u €65,000, u/jew massimu ta' tliet snin ħabs. Il-VRD jista' jikkonfiska l-annimali tar-razzett li ġew abbużati u l-prodotti tagħhom, u jissospendu l-attivitajiet tal-bidwi.

Dawn il-leġiżlazzjonijiet qegħdin kontinwament jiġu aġġornati b'notifiki legali, hekk kif il-komunitajiet xjentifiċi u veterinarji jtejbu l-għarfien fuq il-bżonnijiet psikoloġiċi, fiżjoloġiċi u l-imġiba tal-annimali.

### Konklużjoni

Ġewwa Malta, il-VRD timmira sabiex tinforza dawn ir-regolamenti, minkejja n-nuqqas ta' ħaddiema u r-restrizzjonijiet. Il-VRD huwa kommess li jkompli jissorvelja l-istandards tal-benesseri ġewwa l-2000 razzett u stabbilimenti (ħwienet tal-pets, zoos, eċċ.) li jinsabu ġewwa Malta. L-uffiċjali veterinarji tal-VRD huma mdaħħla fl-ispezzjonijiet tal-benesseri tal-annimali ġol-irziezet, għas-sejba ta' ksur tal-benesseri tal-annimali, isegwu każijiet tal-qorti, u jiċċekkjaw u jiktbu l-leġiżlazzjoni. Ovvjament, dejjem hemm lok sabiex ċerti żoni ġewwa l-irziezet ikunu mtejba, iżda l-VRD huwa serjament kommess sabiex jieħu ħsieb il-benesseri tal-annimali f'kull stadju tal-produzzjoni.

# Żviluppi fil-Kontrolli tas-Settur Organiku

Kitba ta'
CLINT BARBARA
*Agricultural Officer*

**Is-Settur Organiku dejjem qed jikber. Kemm f'Malta u Għawdex, fl-Unjoni Ewropea u mad-dinja kollha, dan is-settur għamel passi 'l quddiem. Kulma jmur dejjem qed ikun hemm għarfien akbar fuq is-saħħa tal-bniedem u l-agrikoltura qed tkun aktar sostenibbli u ma tagħmilx ħsara lill-ambjent.**



L-għan tad-Direttorat tal-Agrikoltura huwa li jservi bħala l-awtorità kompetenti li tħaddem u timplimenta timplimenta qafas legali (*15 of 2018 Organic Production and Labelling of Organic Products Regulations*). Din il-liġi hija mfassla biex timplimenta b'mod sħiħ l-obbligi legali li ġejjin mill-Unjoni Ewropea (UE) u b'hekk tassigura li t-terminoloġija organika tkun waħda li ġġorr magħha sistema ta' kontrolli u ċertifikazzjoni li tagħti assigurazzjoni lill-konsumatur li dak li qed jixtri huwa tassew bnin u ta' kwalità organika.

Id-Direttorat tal-Agrikoltura bħala awtorità kompetenti, flimkien mal-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), li bħalissa hija rikonoxxuta bħala l-Awtorità ta' Kontroll, jaħdmu id f'id biex din il-liġi tiġi implimentata u mħaddma skont il- liġi u biex jintlaħaq l-għan meħtieġ.



Fil-każ ta' Malta, l-MCCAA hija l-unika awtorità rikonoxxuta sal-lum biex tagħmel il-kontrolli fuq operaturi li għandhom iċ-ċertifikazzjoni bħala operatur organiku biex wieħed ikun jista' jipproduċi, jipproċessa, ibigħ, jimporta jew jinnegozja xi prodotti mmarkati bħala organiċi. Iċ-ċertifikazzjoni u l-kontrolli huma adattati skont il-kategorija tal-attività organika li jagħmel l-operatur. Dawn jinkludu:

- Prodottur organiku;
- Bejjiegħ bl-imnut organiku;
- Bejjiegħ bl-ingrossa organika;
- Proċessur organiku;
- Importatur organiku;
- Esportatur organiku;
- Negozjanti Organiċi.

Għaldaqstant id-Direttorat tal-Agrikoltura jimxi mal-Liġi Sussidjarja 427.93, speċifikament fuq regolament 8(2) li jistabbilixxi li "*L-ebda operatur m'għandu*

*jipproduċi, jipproċessa, jipprepara, ibigħ jew jikkummerċjalizza kwalunkwe prodott ittikkettat bħala organiku sakemm dan l-operatur ma jkunx kiseb iċ-ċertifikazzjoni relevanti mill-awtorità kompetenti, l-awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll kif indikat mill-awtorità kompetenti*."

Din il-proviżjoni legali ġġorr magħha ħafna xogħol ta' monitoraġġ fil-katina kollha tal-ikel, mill-produttur – il-bidwi, sal-ħanut minn fejn il-konsumatur jixtri l-prodott.

Xogħol l-uffiċjali li jiffurmaw parti mis-Sezzjoni Organika fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura, jimxu mal-Manual of Procedures li jistabbilixxi l-mod kif trid tiġi implimentata s-sistema ta' kontrolli b'mod effettiv.

Fil-bidu ta' kull sena jsir assessjar fuq il-monitoraġġ tas-sena preċedenti fejn jiġu identifikati xejriet varji fis-swieq. Dan isir billi jaraw f'liema tipi ta' negozji, u żoni nstabu l-aktar nuqqasijiet fejn tidħol il-liġi sussidjarja. F'dan ir-rigward fil-bidu tas-sena l-ġdida, jittella' kampjun ta' operaturi lokali, liema kampjun jinħareġ mit-Traders Database li tinkludi swieq li jkunu armati barra, ristoranti, bars, *ħwienet* li jbigħu nbid, *ħwienet* tas-souvenirs, supermarkets, minimarkets, confectionaries, *ħwienet* tal-merċa, kiosks u operaturi oħra li b'xi mod ibigħu prodotti li jiġu kkunsmati.

Dawn it-tipi ta' operaturi jiġu mqassma skont il-kategorija, il-lokalità u skont ir-riskju li dawn huma involuti f'operazzjonijiet varji



fl-impurtar jew bejgħ ta' prodotti organiċi.

Lil dawn l-operaturi ssirilhom spezzjoni fuq il-post biex jiġi identifikat jekk l-operatur għandux bżonn li jiġi ċċertifikat mill-MCCAA biex ikun jista' jbigħ prodotti li huma organiċi. Fil-każ li l-operatur li saritlu spezzjoni jirriżulta li għandu bżonn li jiġi ċċertifikat, l-uffiċjali jiggwidaw lill-operatur x'għandu jagħmel. Waqt l-ispezzjoni jimtela ċekkjatur apposta u jittieħdu xi ritratti tal-prodotti organiċi. Skont il-każ, imbagħad, tintbagħat email jew ittra ta' twissija biex l-operatur jirregolarizza ruħu jew biex jiggwida lill-operatur kif jista' jiċċertifika ruħu mal-MCCAA.

Tajjeb li wieħed isemmi li kull sena l-Uffiċjali jagħmlu eżerċizzju ta' sorveljanza tas-swieq fejn jaraw jekk hemmx xi operaturi ġodda li mhumiex imniżżla fil-kampjun li qed jimpurtaw jew ibigħu prodotti organiċi. Jekk jinstab xi operatur ġdid li jkun imniżżel fit-Traders Database u allura ma jkunx imdaħħal fil-kampjun tal-kontrolli, dan l-operatur ikun ta' prijorità li ssirlu spezzjoni fuq bażi ta' evidenza ta' impurtar jew bejgħ ta' prodotti organiċi.

Matul l-2020, bl-għajnuna tal-eżerċizzju tas-sorveljanza tas-suq, instabu erbgħin operatur jirreklamaw u jbigħu prodotti organiċi. Dawn l-operaturi saritilhom spezzjoni biex l-awtorità kompetenti taċċerta konformità mal-liġi sussidjarja 427.93.

Matul l-istess sena saru wkoll ħames spezzjonijiet lill-

operaturi lokali li importaw prodotti organiċi minn terzi pajjiżi. Tnejn minn dawn l-ispezzjonijiet waslu għal degradazzjoni tal-prodott importat minn organiku għal konvenzjonali.

Fl-istess sena ntbagħtu 23 ittra ta' twissija lill-operaturi lokali li ma kinux konformi mal-liġi, ħames ittri ta' infurzar, u kif ukoll ingħataw multi lill-operaturi li ma kkonformawx mal-liġi.

Is-sezzjoni tal-agrikoltura fasslet linji gwida dwar il-biedja organika. Dawn ġew stabbiliti ħalli meta l-applikanti japplikaw biex jiġu konformi mal-liġi huma jkunu jistgħu jimxu magħhom. Barra minn hekk, il-linji gwida tfasslu wkoll biex dawk li jixtiequ jibdew ikabbru prodotti organiċi, jimportaw, jirreklamaw jew ibigħu, jesportaw jew jipproċessaw prodotti organiċi jkollhom idea aħjar ta' kif jistgħu jagħmlu dan skont il-ligi.

### Kontrolli wara l-Brexit

Din is-sena l-uffiċjali kellhom influss ta' xogħol minħabba importazzjoni mill-Ingilterra li issa ġiet meqjusa pajjiż terz u għalhekk m'għadhiex tista' tforni prodotti organiċi lill-pajjiżi Ewropej bla restrizzjonijiet bħal qabel. F'dawk l-importazzjonijiet li ġejjin minn pajjiżi terzi l-uffiċjali jridu jaraw li d-dokumenti huma korretti hekk kif titlob il-liġi bħal pereżempju jkun hemm certificate of compliance u fejn hu meħtieg jittieħdu xi kampjuni ta' xi prodott biex isiru l-verifiki li l-prodott tassew huwa ta' kwalità li tiġi ċċertifikata bħala organika. Bħal kull ħaġa oħra dan kien proċess ġdid għal ħafna importaturi lokali li jġibu prodotti mill-Ingilterra bir-riżultat li ħafna mill-operaturi lokali ġew mitluba jirregolarizzaw ruħhom qabel ma l-prodotti jkunu jistgħu jidħlu fis-suq.

F'ċerti ċirkostanzi l-uffiċjali jridu jmorru fuq il-post biex jaraw li l-prodotti jiġu żgradati bħala konvenzjonali, jintbagħtu lura jew jintremew.

Minħabba l-Brexit l-ispezzjonijiet relatati mal-importazzjoni żdiedu b'aktar minn 100% fuq is-sena l-oħra! L-iskop ta' dan kollu huwa biex, bħal kull pajjiż fl-Unjoni Ewropea, nipproteġu l-marka ta' dak kollu li hu organiku. Dan sar bil-għan li l-bidwi li jitħajjar ikabbar b'mod organiku jkollu s-serħan il-moħħ li jġib il-qligħ xieraq tax-xogħol siewi li jkun qed jagħmel b'sistema nazzjonali u internazzjonali li tissalvagwardja dan is-settur. Sar ukoll bil-għan li tagħti wkoll serħan il-moħħ lill-konsumatur li jkun lest iħallas naqra iktar għall-prodott li jaf li huwa ta' kwalità partikolari.

Għalhekk huwa importanti li f'kull qasam tal-katina tal-ikel, mhux biss il-bidwi jkun sorveljat imma anki l-operaturi kollha.

Sezzjoni kbira ta' kontrolli li jsiru jirrigwardjaw l-importatur. L-importaturi li huma ċċertifikati bħala organiċi għandhom bżonn jirreġistraw mat-Trade Control and Expert System (TRACES), sabiex għal kull konsenja li jġibu minn pajjiżi terzi (barra mill-Ewropa), il-proċess taċ-ċertifikat (COI) jibda minn fuq is-sistema elettronika minn qabel mal-konsenja titlaq mill-pajjiż terz. F'dan ir-rigward, id-Direttorat tal-Agrikoltura jagħmel il-kontrolli tiegħu fuq dawn l-importazzjonijiet permezz taċ-ċertifikat (COI) u kif ukoll minn spezzjonijiet fuq ix-xogħol impurtat. Matul l-aħħar sentejn dawn it-tip ta' kontrolli żdiedu speċjalment minħabba l-ħruġ tal-Ingilterra mill-Unjoni Ewropea.

### Il-Qafas legali għas-Settur Organiku mis-sena 2022

Fid-dawl tal-isfidi li qed jiġu affaċċjati mis-settur tal-Biedja Organika fl-agrikoltura tal-UE u sabiex tipprovdi qafas legali effettiv għall-industrija, l-UE għaddiet leġiżlazzjoni ġdida. Il-leġiżlazzjoni organika l-ġdida, ir-Regolament (UE) Nru 2018/848 se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022 u s-sett il-ġdid ta' regoli huma mfassla biex jirriflettu n-natura ta' dan is-settur li qed jinbidel u li qed jikber b'rata mgħaġġla, u biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għall-bdiewa filwaqt li każijiet ta' frodi jiġu evitati u biex tinżamm il-fiduċja tal-konsumatur fi prodotti organiċi.

Għal aktar informazzjoni wieħed huwa mħeġġeġ li jżur is-sit tagħna **www.ikeltakwalita.gov.mt** jew jibgħat email fuq **ikeltakwalita.mafa@gov.mt** għal aktar informazzjoni.

# Il-Proġett Qabru

Kitba ta'
RAY CARUANA
*Uffiċjal tal-Akwakultura*




Munita tal-ħames ċenteżmi – Ritratt: coinsdb.info

Dawk minnkom li jiftakru l-flus deċimali Maltin ta' qabel l-ewro, ċertament jiftakru dik ix-xbieha ta' granċ żgħir fuq il-munita tal-ħames ċenteżmi. Dak il-granċ illum huwa l-invertebru nazzjonali ta' pajjiżna u jissejjaħ il-qabru, jew granċ tal-ilma ħelu, is-suġġett tal-proġett ta' konservazzjoni ġdid fid-Direttorat tal-Akwakultura.

Kif kulħadd jaf, il-gżejjer Maltin huma nieqsa ħafna minn ambjenti li fihom issib l-ilma ħelu matul is-sena kollha, inklużi x-xhur sħan tas-sajf. Għaldaqstant, il-fatt li l-qabru għandu bżonn l-ilma ħelu dejjem viċin tiegħu biex jgħix, jagħmlu annimal vulnerabbli u kemxejn rari wkoll. Tant hu hekk, li ftit huma dawk il-postijiet f'Malta u Għawdex li fihom jinsab dan il-krustaċju.




It-tnedija tal-Proġett Qabru fi Frar tal-2021 – Ritratt: HSBC Foundation



Il-qabru fl-ambjent naturali tiegħu – Ritratt: Ray Caruana

Il-qabru, li kapaċi jgħix sa bejn għaxar u tnax-il sena, jinsab fin-naħa t'isfel tal-Ewropa, bħal fl-Italja, il-peniżola Balkana, u kif ukoll fil-Greċja. Il-popolazzjoni Maltija hija meqjusa bħala sottospeċi endemika u dan ipoġġina f'pożizzjoni ta' responsabbiltà akbar fejn tidħol il-protezzjoni ta' dan il-granċ. Il-qabru jikber madwar ħames u sitt ċentimetri bil-mara tibqa' xi ftit iżgħar mir-raġel. Huwa jħaffer toqob fil-ħamrija li jistgħu jkunu fondi mhux ħażin fejn iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu, speċjalment matul il-jum. L-ikel tiegħu jikkonsisti kemm minn annimali oħrajn iżgħar minnu, bħal imrieżeb, bebbux u insetti, kif ukoll ħxejjex tal-baħar, weraq u frott. Għaldaqstant, il-pestiċidi u l-insettiċidi huma ta' theddida kbira għall-għejxien tal-qabru, barra mill-perikli oħrajn, fosthom l-estrazzjoni tal-ilma, it-tibdil fil-klima u l-kompetizzjoni minn speċi aljeni invażivi bħaċ-ċkal tal-ilma ħelu (freshwater crayfish). Dan tal-aħħar jista' jkun ta' theddida qawwija ħafna meta jiġi introdott mill-bniedem, kemm għaliex ikun ta' kompetizzjoni għall-ikel u l-ħabitat, kif ukoll għax jista' jattakka u jiekol il-frieħ tal-granċ.

Fi Frar ta' din is-sena, l-għaqda ambjentali Nature Trust Malta – FEE Malta u d-Direttorat tal-Akwakultura, bl-għajnuna finanzjarja tal-HSBC Foundation, nedew il-Proġett Qabru, proġett ta' konservazzjoni fi sħubija bejniethom bi tliet għanijiet prinċipali:

- Biex jitkabbar l-għarfien u l-edukazzjoni dwar il-qabru u l-bżonn li din l-ispeċi nazzjonali u l-ambjent fejn jgħix ikunu iktar protetti;
- Biex jgħin fl-identifikazzjoni tal-aħjar metodi ta' restawr tal-ambjent fejn tinsab din is-sottospeċi;
- Biex issir riċerka fuq ir-riproduzzjoni tal-qabru permezz ta' programm ta' tkattir bil-għan li jiġu ppreservati l-istokks naturali ta' dan il-granċ tant importanti għall-bijodiversità tal-gżejjer Maltin.

Għalkemm għadu fil-bidu tiegħu, Proġett Qabru diġà qed ikollu riżultati inkoraġġanti ħafna fejn jidħol it-tkattir fil-mafqas tal-Forti San Luċjan. Din l-inizjattiva tgħin sabiex dan il-granċ tant interessanti u importanti jkun jista' jkompli jitgawda minna l-Maltin u l-Għawdxin ta' din il-ġenerazzjoni u oħrajn futuri.

**Referenzi:**

*Biosnippets No.3-ERA*
*D. Capolongo & J. L. Cilia (1990). "Potamon fluviatile lanfrancoi, a new subspecies of a Mediterranean freshwater crab from the Maltese Islands (Crustacea, Decapoda, Potamidae)"*
*Fiorenza Micheli; Francesca Gherardi & Marco Vannini (1990). "Growth and reproduction in the freshwater crab, Potamon fluviatile (Decapoda, Brachyura)." Freshwater Biology. 23 (3): 491–503.*

# Pjan dwar l-Immaniġġjar tan-Nutrijenti Mħejji minn *Agri Connect*

Kitba ta'
NATHALIE SPITERI D'AMATO
*Senior Agricultural Officer*

***Agri Connect* hi sezzjoni fi ħdan id-Dipartiment tal-Affarijiet Rurali li toffri servizzi bla ħlas lill-bdiewa li jkollhom bżonn ta' għajnuna fuq ir-raba' tagħhom f'dak li hu *Cross Compliance*, pjanijiet tal-uċuħ tar-raba', pjan ta' fertilizzanti u pjan għall-immaniġġjar tan-nutrijenti.**

Fil-ħarġiet preċedenti ta' din ir-rivista tajna ħarsa lejn diversi servizzi u informazzjoni relatata ma' *Agri Connect*. F'din il-ħarġa se niffukaw dwar il-benefiċċju, il-bżonn, u l-użu ta' pjan għall-Immaniġġjar tan-Nutrijenti fost il-bdiewa lokali.

**X'inhu l-Pjan għall-Immaniġġjar tan-Nutrijenti?**
Il-Pjan għall-Immaniġġjar tan-Nutrijenti hu studju li janalizza l-prattiċi agrarji tal-bidwi. L-ippjanar tal-użu tan-nutrijenti b'mod effiċjenti hu meħtieg sabiex il-bidwi japplika b'mod rakkomandat l-ammont dovut ta' nutrijenti fil-ħamrija sabiex l-uċuħ tar-raba' jipproduċu prodotti ta' kwalità mingħajr ma jkunu ta' riskju għall-ambjent.

F'dan l-istudju, sabiex jiġi fformolat il-pjan, jeħtieġ li tinġabar informazzjoni fuq l-uċuħ tar-raba' li se jiġu mkabbra mill-bidwi, it-tip ta' ħamrija, l-ammont ta' nutrijenti li fiha l-istess l-ħamrija, it-tip ta' fertilizzanti użati, kemm organiċi u dawk artifiċjali, u kif ukoll il-mod ta' tisqija li japplika l-bidwi għall-uċuħ tiegħu. Tiġi analizzata wkoll il-kwalità tal-ilma użata għat-tisqija.

Il-livell ta' materja organika għandha rwol importanti fil-ħamrija hekk kif, permezz tagħha, il-bidwi b'mod naturali jtejjeb l-istruttura u l-produttività tagħha bin-nutrijenti li jiddekomponu gradwalment fil-ħamrija. Jiġu analizzati wkoll prattiċi agrikoli oħrajn addottati mill-bdiewa bħal ngħidu aħna l-prattika tan-newba u l-ħarsien mit-telf tal-ħamrija permezz ta' erozzjoni mill-ilma jew mir-riħ.

**Għaliex huwa bżonjuż?**
Aktar ma jgħaddi ż-żmien l-importanza għall-preservazzjoni tal-ambjent qiegħda dejjem tiżdied. Permezz ta' dan il-pjan, il-bidwi jista' jippjana b'mod għaqli n-nefqa u l-użu tal-fertilizzanti li huma tant ta' bżonn għall-







produzzjoni agrikola tiegħu, filwaqt li jħares l-obbligi tal-*Cross Compliance* fosthom dawk marbutin mal-ħarsien tal-ambjent. Għalhekk, pjan għall-immaniġġjar tan-nutrijenti ġie mfassal skont il-Programm ta' Azzjoni Nitrati S.L 549.66, fejn kull bidwi u raħħal li għandu raba' saqwi ta' art kontinwa 'l fuq minn ettaru jeħtieg li jkollu pjan għall-immaniġġjar tan-nutrijenti.



**Għal min japplika dan il-pjan?**
Dan japplika għal dawk il-bdiewa li għandhom raba' saqwi li l-kejl tiegħu jammonta għal daqs ta' ettaru jew aktar, anke jekk dan huwa magħmul minn għelieqi żgħar li jmissu ma' xulxin b'mod kontinwu. Hu pjan imfassal fuq tliet partijiet prinċipali li permezz tagħhom tinġabar informazzjoni relatata mal-azjenda sabiex tanalizza l-bżonnijiet nutrittivi tal-prodotti mkabbra f'dik l-arja ta' art irreġistrata fuq il-bidwi.

Japplika wkoll għar-raħħala li fl-azjenda tagħhom għandhom bżonn li jimmaniġġjaw id-demel tal-annimali. Raħħala għandhom l-obbligu li jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar il-bhejjem imrobbija fuq ir-razzett u li jkunu konformi mal-obbligi tal-*Cross Compliance*. Ir-raħħala u l-bdiewa huma obbligati li jżommu kull rekord neċessarju dwar l-applikazzjoni tal-fertilizzanti fil-ħamrija u prattiċi marbuta ma' materja organika sabiex ikunu jistgħu jiġu inklużi fil-pjan għall-immaniġġjar tan-nutrijenti u b'hekk jiġi mfassal pjan adattat u speċifiku għal kull bidwi.

**Kif inhu mfassal dan il-pjan?**
Dan il-pjan hu maqsum fuq tliet taqsimiet. Fl-ewwel parti tinġabar informazzjoni permezz ta' laqgħa mal-bidwi fejn jinġabru dettalji dwar il-propjetà tal-art. Fit-tieni parti tinġabar l-informazzjoni dwar l-għanijiet tal-pjan, il-ħidma tal-art u l-ħarsien tal-ambjent. L-aħħar parti tiġbor fiha r-riżultati kollha meħuda minn fuq ir-raba' u jiġi kkalkulat ir-riżultat finali tal-istudju kollu skont l-informazzjoni miġjuba mill-azjenda u mdaħħla fil-pjan. B'hekk jiġi determinat b'mod konkret l-ammont neċessarju ta' nutrijenti li għandhom jiġu applikati sabiex il-benefiċjarju jkun jista' japplika n-nutrijenti fl-għalqa biss skont in-neċessità tal-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' mkabbra skont il-pjan.

Fl-aħħar ta' dan ir-rapport, isir assessjar ta' kif il-pjan għall-immaniġġjar tan-nutrijenti jrid jiġi integrat mill-bidwi jew mir-raħħal. Jingħataw pariri kif jistgħu jitjiebu l-operati agrikoli tal-bidwi permezz ta' metodi ġodda u rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ir-riżultati maħruġa mill-istess pjan. B'hekk jiġi assigurat li l-attività agrikola tkun waħda kompetittiva bl-inqas spejjeż possibbli filwaqt li l-prodotti jkunu ta' kwalità għolja.

**Kif tikseb aktar informazzjoni u għajnuna dwar il-Pjan għall-Immaniġġjar tan-Nutrijenti?**
L-*Agri Connect* fi ħdan l-RAD permezz ta' uffiċjali mħarrġin f'dan il-qasam ikunu jistgħu jiġu fuq l-azjenda agrikola u jgħinu mill-qrib lill-bdiewa li b'xi mod jew ieħor jeħtieġu gwida għall-immaniġġjar tal-fertilizzanti u pariri tekniċi oħra dwar dak kollu li għandu x'jaqsam ma' *Cross Compliance*. *Agri Connect* toffri dan is-servizz bla ħlas u, għaldaqstant, kull min hu interessat li jikseb aktar informazzjoni dwar id-diversi għajnuniet li *Agri Connect* toffri hu mħeġġeġ jikkuntattjana fuq in-numri: **21804981/2/4**.

# L-Imnarja

Kitba ta'
MARIO CAMILLERI

Rokna għat-Tfal



Il-festa tradizzjonali tal-Imnarja hija waħda mill-aktar festi importanti fil-kalendarju kulturali Malti. Importanti, għaliex hi waħda mill-eqdem festi tradizzjonali u folkloristiċi f'Malta, fejn fiha l-bidwi kien jesebixxi l-prodotti tiegħu. Fl-imgħoddi, l-Imnarja kienet iċċelebrata mill-bdiewa li jkunu ħadu mistrieħ mistħoqq wara x-xogħol iebes tal-ħsad tal-prodotti tagħhom fir-rebbiegħa. Bla dubju, illum hija l-akbar festa agrarja f'Malta li fiha niċċelebraw il-bżulija u l-ħidma ferm siewja tal-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin.

Din il-festa tmur lura ħafna sekli, ħafna qabel il-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530. Ir-Rumani kienu jiċċelebraw festa pagana msejħa luminaria, li minnha kienet derivata l-kelma Maltija 'Imnarja'. Iċ-ċelebrazzjoni minn dejjem kienet issir fil-ġonna tal-Buskett u l-biċċa l-kbira ta' dawk li kienu jattendu kienu bdiewa stess li kienu jesebixxu u jikkompetu bil-prodotti tagħhom.

Ta' interess il-fatt li fl-imgħoddi l-festa tal-Imnarja kienet marbuta wkoll maż-żwieġ. In-nutar kien jikteb kuntratt taż-żwieġ, u l-għarus iħallas lil missier l-għarusa somma flus kif deskritt fil-ftehim tagħhom. Dan il-ftehim kien jorbot ukoll lill-għarus biex jieħu lill-mara futura tiegħu tiċċelebra l-festi ta' San Girgor, San Ġwann u l-festa tal-Imnarja.

Din il-festa ċċelebrata kull sena nhar id-29 ta' Ġunju, ġurnata li fiha niċċelebraw il-festa li tfakkarna f'żewġ qaddisin importanti fil-tradizzjoni reliġjuża Maltija, San Pietru u San Pawl.

L-Imnarja tradizzjonali tiġi organizzata fil-ġonna tal-Buskett. L-attivitajiet jibdew minn lejliet l-Imnarja, fejn nhar it-28 ta' Ġunju, minn kmieni filgħaxija sa tard billejl, wieħed jista' jgawdi diversi re-enactments, għana, baned, kant, mużika, u żfin tradizzjonali. Wieħed jista' wkoll iduq diversi ikel u ħelu tradizjonali Malti. L-istuffat tal-fenek u l-fenek moqli fit-tewm huma żewġ platti sinonimi mal-festa tal-Imnarja. Ikun hemm ukoll diversi stands ta' informazzjoni, artiġjanat, logħob tradizzjonali Malti fosthom il-passju u ż-żunżana ddur iddur u kif ukoll wirjiet, kompetizzjonijiet u attrazzjonijiet oħra marbuta mal-agrikoltura. Nhar l-Imnarja, jiġifieri d-29 ta' Ġunju, minn kmieni filgħodu sa kmieni waranofsinhar, issir



kompetizzjoni marbuta mal-frott, mal-ħxejjex u mal-annimali lokali – bħal baqar, nagħaġ, mogħoż, żwiemel, klieb, tjur, fniek, u għasfar. Apparti minn hekk, tiġi ċċelebrata quddiesa, ikun hemm it-tberik tal-annimali, diversi wirjiet u artiġjanat. Għall-ħabta ta' nofsinhar jitqassmu l-premjijiet lir-rebbieħa u l-paljijiet lill-parteċipanti kollha mill-Eċċelenza tiegħu l-President ta' Malta.

Waranofsinhar jintlaħaq il-qofol tal-festa bit-tiġrijiet tal-bhejjem: ħmir, bgħula u żwiemel, tradizzjoni li ilha ġejja minn żmien il-Kavallieri. Dawn isiru fi Triq it-Tiġrija, taħt is-Saqqajja. Fi żmien il-Kavallieri kienu jsiru tiġrijiet differenti minn tal-lum u l-Gran Mastru kien jara t-tiġrijiet u jqassam il-paljijiet mil-Loġġa tal-Paljijiet; dik il-binja f'forma ta' ħnejja li hemm f'nofs it-telgħa tas-Saqqajja.

B'hekk tajna titwila lejn il-festa tal-Imnarja, festa b'għeruq reliġjużi li żviluppat minn storja u tradizzjoni għal kif niċċelebrawha llum.

Il-festi tal-Imnarja jiġu organizzati mit-taqsima tal-Attivitajiet u Promozzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. Minħabba ż-żminijiet li għaddejjin minnhom f'din il-pandemija mhux ser inkunu nistgħu ngawdu l-Imnarja bit-tradizzjonijiet tagħha, però żommu għajnejkom miftuħin sabiex din is-sena taraw Imnarja b'differenza! Nisperaw li s-sena d-dieħla nkunu nistgħu ngawdu din il-festa ġewwa l-ġonna tal-Buskett!







Tfal, issa li qrajtu dwar din il-festa tal-Imnarja, tistgħu tidħlu biċ-ċans li terbħu **vawċer ta' €20** li jista' jissarraf fi ktieb/kotba ġentilment mogħtija minn Calleja Secondstep. Dan tistgħu tagħmluh billi twieġbu tajjeb għall-mistoqsija li hawn iktar 'l isfel. Din il-kompetizzjoni hi miftuħa għal dawk ta' età sa mhux aktar minn 12-il sena. Ir-rebbieħ jittella' bil-polza minn fost dawk li jkunu bagħtu tweġiba tajba.

**Mistoqsija:**

## Meta tiġi ċċelebrata l-festa tal-Imnarja u fejn issir normalment din il-festa?

Ibgħat it-tweġiba tiegħek flimkien ma' ismek, kunjomok, id-data tat-twelid, numru tat-telefown u l-indirizz jew permezz ta' email fuq **nisgetartna.mafa@gov.mt** jew bil-posta – **Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Reasearch and Innovation Hub L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303**, sa mhux aktar tard mill-**15 ta' Awwissu 2021**.

